Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** ►**C1** **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 415/2007**

tat-13 ta' Marzu 2007

dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi applikabbli għas-sistemi ta' monitoraġġ u lokalizzazzjoni ta' bastimenti msemmija fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2005/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Servizzi Armonizzati ta' Informazzjoni tax-Xmajjar (RIS) f'passaġġi fuq l-ilma interni fil-Komunità ◄

(ĠU L 338M, 17.12.2008, p. 940)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 689/2012 tas-27 ta' Lulju 2012	L 202	5	28.7.2012

Ikkoreġut minn:

►**C1** Emendi, Ġ.U. L 76, 24.3.2009, p. 535 (415/2007)

▼B
▼C1

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 415/2007

tat-13 ta' Marzu 2007

dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi applikabbli għas-sistemi ta' monitoraġġ u lokalizzazzjoni ta' bastimenti msemmija fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2005/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Servizzi Armonizzati ta' Informazzjoni tax-Xmajjar (RIS) f'passaġġi fuq l-ilma interni fil-Komunità

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2005/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar is-Servizzi Armonizzati ta' Informazzjoni tax-Xmajjar (RIS) f'passaġġi fuq l-ilma interni fil-Komunità ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu1(2) tad-Direttiva 2005/44/KE, l-RIS għandha tkun żviluppata u implimentata b'mod armonizzat, interoperabbli u miftuħ.

(2) Skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2005/44/KE, għandhom ikunu definiti l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għas-sistemi ta' monitoraġġ u lokalizzazzjoni ta' bastimenti.

(3) L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi applikabbli għas-sistemi ta' monitoraġġ u lokalizzazzjoni tal-bastimenti għandhom ikunu bbażati fuq prinċipji tekniċi stabbiliti fl-Anness II għad-Direttiva

(4) Skont l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom jikkunsidraw ix-xogħol li sar minn organizzazzjonijiet internazzjonali. Għandha tiġi żgurata l-kontinwità ma' servizzi oħra tal-ġestjoni modali tat-traffiku, b'mod partikolari mal-ġestjoni tat-traffiku ta' bastimenti marittimi u mas-servizzi tal-informazzjoni.

(5) Huma għandhom jieħdu kont ulterjuri tax-xogħol li sar mill-grupp ta' esperti fuq il-monitoraġġ u lokalizzazzjoni ta' bastimenti li huwa kompost minn rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti għall-implimentazzjoni tas-sistemi tal-monitoraġġ u lokalizzazzjoni ta' bastimenti, u membri uffiċjali minn korpi governattivi oħrajn u osservaturi mill-industrija.

(6) L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li huma s-suġġett ta' dan ir-Regolament, huma mill-aktar avvanzati. L-esperjenzi akkwistati mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2005/44/KE kif ukoll il-progress tekniku tal-futur jistgħu jikkawżaw il-bżonn li jkunu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi skont l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2005/44/KE. L-emendi għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom jikkonsidraw ix-xogħol li sar mill-grupp ta' esperti fuq it-monitoraġġ u lokalizzazzjoni ta' bastimenti.

(7) L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi abbozzati ġew eżaminati mill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 2005/44/KE.

([1]) ĠU L 255, 30.9.2005, p. 152.

▼C1

(8) Il-miżuri provvduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 2005/44/KE,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Dan ir-Regolament jiddefinixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi applikabbli għas-sistemi ta' monitoraġġ u lokalizzazzjoni ta' bastimenti fit-trasport fuq ir-rotot navigabbli interni. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi huma stabbiliti fl-Anness għal dan ir-Regolament.

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼C1

L-ANNESS

Is-sistemi tal-monitoraġġ u l-lokalizzazzjoni tal-bastimenti — L-AIS Interna

KONTENUT

1.	L-użu tal-monitoraġġ u l-lokalizzazzjoni tal-bastimenti fin-navigazzjoni interna
1.1.	Introduzzjoni
1.2.	Ambitu
1.3.	Navigazzjoni
1.3.1.	Navigazzjoni, għall-perjodu ta' żmien medju bil-quddiem
1.3.2.	Navigazzjoni, għall-perjodu ta' żmien qasir bil-quddiem
1.3.3.	Navigazzjoni, għall-perjodu ta' żmien qasir ħafna bil-quddiem
1.4.	Ġestjoni tat-traffiku tal-bastimenti
1.4.1.	Servizzi tat-traffiku tal-bastimenti
1.4.1.1.	Servizz ta' informazzjoni
1.4.1.2.	Servizz ta' għajnuna għan-navigazzjoni
1.4.1.3.	Servizz ta' organizzazzjoni tat-traffiku
1.4.2.	Ippjanar u tħaddim tal-magħluqa
1.4.2.1.	Ippjanar tal-magħluqa, għall-perjodu ta' żmien twil
1.4.2.2.	Ippjanar tal-magħluqa, għall-perjodu ta' żmien medju
1.4.2.3.	Tħaddim tal-magħluqa
1.4.3.	Ippjanar u tħaddim tal-pontijiet
1.4.3.1.	Ippjanar tal-pontijiet għall-perjodu ta' żmien medju
1.4.3.2.	Ippjanar tal-pontijiet għall-perjodu ta' żmien qasir
1.4.3.3.	Operazzjoni tal-pontijiet
1.5.	Prevenzjoni ta' diżastri
1.6.	Ġestjoni tat-trasport
1.6.1.	Ippjanar tal-vjaġġi
1.6.2.	Loġistika tat-trasport
1.6.3.	Ġestjoni intermodali tal-portijiet u t-terminals
1.6.4.	Ġestjoni tat-tagħbija merkantili u tal-flotta
1.7.	Infurzar
1.8.	Tariffi tar-rotot navigabbli u tal-infrastruttura tal-portijiet
1.9.	Servizzi ta' informazzjoni fuq il-kanali navigabbli
1.9.1.	Twissijiet fuq it-temp (EMMA)
1.9.2.	Status tas-sinjali
1.9.3.	Il-livell tal-ilma
1.10.	Konklużjoni

▼C1

2.	L-ispeċifikazzjoni teknika mill-AIS Interna
2.1.	Introduzzjoni
2.2.	Ambitu
2.3.	Rekwiżiti funzjonali
2.3.1.	Rekwiżiti ġenerali għall-AIS Interna
2.3.2.	Il-kontenut ta' informazzjoni
2.3.2.1.	Informazzjoni statika dwar il-vapuri
2.3.2.2.	Informazzjoni dinamika dwar il-vapuri
2.3.2.3.	Informazzjoni dwar il-vjaġġi tal-vapuri
2.3.2.4.	Informazzjoni dwar il-ġestjoni tat-traffiku
2.3.3.	Intervall tar-rappurtaġġ tat-trażmissjoni tal-tal-informazzjoni
2.3.4.	Pjattaforma teknoloġika
2.3.5.	Il-kompatibbiltà mat-transponders tal-Klassi A tal-IMO
2.3.6.	Identifikatur uniku
2.3.7.	Identifikatur tal-applikazzjoni għall-messaġġi speċifiċi tal-applikazzjoni tal-AIS Interna
2.3.8.	Rekwiżiti tal-applikazzjoni

▼M1

2.3.9.	L-approvazzjoni tat-tip

▼C1

2.4.	Emendi għall-Protokoll għall-AIS Interna
2.4.1.	Messaġġ 1, 2, 3: rapporti dwar il-pożizzjoni (ITU-R 1371)
2.4.2.	Messaġġ 5: dejta statika dwar il-vapur u dwar il-vjaġġ (ITU-R 1371)
2.4.3.	Il-messaġġ 23, kmand għal assenjament lil grupp (ITU-R M.1371)
2.4.4.	L-applikazzjoni ta' messaġġi speċifiċi (ITU-R 1371)
2.4.4.1.	Allokazzjoni ta' identifikaturi tal-funzjoni (FI) fil-fergħa tal-AIS Interna
2.4.4.2.	Definizzjoni ta' messaġġi speċifiċi interni
Appendiċi A:	Definizzjonijiet
Appendiċi B:	Kodiċi EMMA
Appendiċi C:	Eżempju ta' status tas-sinjal
Appendiċi D:	Sentenzi tal-interfejs proposti għall-AIS Interna
Appendiċi E:	Tipi ta' vapuri ERI
Appendiċi F:	Deskrizzjoni ġenerali tal-informazzjoni meħtieġa mill-utent u l-oqsma tad-dejta, li huma disponibbli fil-messaġġi definiti tal-AIS Interna.

▼C1

REFERENZI

Il-kontenut ta' dan id-dokument huwa bbażat fuq:

Titolu tad-dokument	Organizazzjoni	Data tal-Pubblikazzjoni
Id-Direttiva 2005/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar servizzi ta' informazzjoni tax-xmajjar armonizzati (RIS) li jirrigwardaw ir-rotot navigabbli interni fil-Komunità	UE	7.9.2005
Linji gwida tekniċi għall-ippjanar ta' servizzi tal-informazzjoni dwar ix-xmajjar	UE	2006
Linji gwida u kriterji għas-servizzi tat-traffiku tal-bastimenti fir-rotot navigabbli interni, Resoluzzjoni Nru 58	UE/ECE	21.10.2004
Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-Avviżi għall-Kaptani	UE	
Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-mapep nawtiċi elettroniċi u għas-sistema elettronika ta' informazzjoni għan-navigazzjoni interna, ECDIS Interna	UE	
L-speċifikazzjonijiet tekniċi għar-rapportaġġ navali elettroniku fin-navigazzjoni interna	UE	
L-IMO MSC.74(69) l-Anness 3, "Ir-Rakkomandazzjoni dwar l-Istandards tal-Prestazzjoni għall-Sistema ta' Identifikazzjoni Awtomatika fuq il-Vapuri (AIS)"	IMO	1998
Ir-riżoluzzjoni IMO A.915(22), "Il-Politika Marittima Riveduta u r-Rekwiżiti għal Sistema futura tan-Navigazzjoni Globali bis-Satellita (GNSS)"	IMO	Jannar 2002
Ir-rapport finali COMPRIS u l-pakkett tad-dokumenti ta' ħidma finali li fuqu hu bbażat	COMPRIS	2006

▼M1

Ir-Rakkomandazzjoni ITU-R M.1371, "Il-karatteristiċi tekniċi għal sistema universali ta' identifikazzjoni awtomatika ta' fuq il-vapuri u li tuża time division multiple access fil-frekwenza marittima mobbli tal-VHF"	UIT	2001
L-Istandard Internazzjonali IEC 61993, "In-navigazzjoni marittima u t-tagħmir u s-sistemi ta' komunikazzjoni bir-radju — Sistema ta' Identifikazzjoni Awtomatika, it-2 parti: Tagħmir li jinsab fuq il-vapuri ta' Klassi A tas-sistema universali ta' identifikazzjoni awtomatika (AIS)"	IEC	2002

▼C1

Titolu tad-dokument	Organizazzjoni	Data tal-Pubblikazzjoni
L-Istandard Internazzjonali IEC 61162-Serie, “Tagħmir u sistemi għan-navigazzjoni marittima u l-komunikazzjoni bir-radju — Interfejsis diġitali” “L-Parti 1: Kelliem wieħed u bosta semmiegħa”, it-2 edizzjoni “Parti 2: Kelliem wieħed u bosta semmiegħa”, trażmissjoni veloċi	IEC	2000 1998
UN/ECE Kodiċi tal-Lokalizzazzjoni	UN/ECE	
UN/ECE Kodiċi tat-tip tal-vapur	UN/ECE	

▼M1

Linji gwida tekniċi dwar l-AIS Interna	Grupp ta' esperti fuq monitoraġġ u lokalizzazzjoni ta' bastimenti	

▼C1

ABBREVIAZZJONIJIET

AI	Identifikatur tal-applikazzjoni
AIS	Sistema tal-identifikazzjoni awtomatika
AI-IP	Identifikazzjoni awtomatika permezz ta' Protokoll tal-Internet
ADN/ADNR	Il-Ftehim Ewropew dwar il-Ġarr Internazzjonali ta' Oġġetti Perikoluż permezz ta' Passaġġi Navigabbli interni/fuq ir-Rhine
ASCII	Il-kodiċi standard Amerikan għall-interkambju tal-informazzjoni
ATIS	Sistema ta' identikazzjoni bi trażmettitur awtomatiku
A-TO-N	Għajnuniet għan-navigazzjoni
CCNR	Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Rhine
COG	Ir-rotta fuq l-art
COMPRIS	Consortium operational management platform river information services
CSTDMA	Carrier sense time division multiple access
DAC	Kodiċi taż-żona indikat
DC	Kummissjoni tad-Danubju
DGNSS	GNSS Differenzjali
DSC	Sejħiet diġitali seletttivi
ECDIS	Sistema ta' wiri ta' karti elettroniċi u informazzjoni
EMMA	Sistema ta' għarfien meterjoloġiku multiservizz Ewropea
ENI	In-numru uniku ta' identifikazzjoni għall-bastimenti Ewropej
ERI	Rapportaġġ elettroniku internazzjonali
ETA	Il-ħin tal-wasla stmat
FI	Identifikatur funzjonali
GLONASS	Is-sistema tan-navigazzjoni globali bis-satellita (Russa)
GlW	Gleichwertiger Wasserstand (il-livell ta' referenza tal-ilma fil-Ġermanja)
GNSS	Sistema bis-satellita għan-navigazzjoni globali
GPRS	Servizz ta' packet radio ġenerali

▼C1

GPS	Sistema tal-ippożizzjonar globali
GSM	Sistema globali għall-komunikazzjoni mobbli
GUI	Interfejs grafiku tal-utent
HDG	Il-direzzjoni
HSC	Bastiment b'veloċità għolja
IAI	Identifikatur internazzjonali tal-applikazzjoni
IANA	L-Awtorità dwar in-numri assenjati għall-Internet
IALA	L-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Awtoritajiet tal-Fanali tal-Port
ID	Identifikatur
IEC	Il-Kumitat Elettrotekniku Internazzjonali
IEEE	L-Istitut tal-Inġiniera Elettriċi u Elettroniċi
IETF	It-task force dwar l-inġinerija bl-Internet
IMO	L-Organizzazzjoni Maritima Internazzjonali
IP	Il-Protokoll tal-Internet
ITU	L-Għaqda Internazzjonali tat-Telekomunikazzjonijiet
MKD	Tastiera u skrin minimi
MID	Numri tal-identifikazzjoni marittimi
MHz	Megahertz (megaċikli kull sekonda)
MMSI	Indentifikatur tas-servizz mobbli marittimu
OLR	Overeengekomen lage Rivierstand (il-livell ta' referenza tal-ilma fl-Olanda)
RAI	Identifikatur tal-applikazzjoni reġjonali
RAIM	Monitoraġġ integru tar-riċevitur awtonomu
RIS	Servizzi tal-informazzjoni tax-xmajjar
RNW	Regulierungs-Niederwasser (livell tal-ilma permess għall-94 % tas-sena)
ROT	Il-veloċità tad-dawrien
RTA	Il-ħin tal-wasla mitlub
SAR	Tfittxija u salvataġġ

▼C1

SOG	Veloċità fuq l-art
SOLAS	Is-sikurezza tal-ħajja fuq il-baħar
SOTDMA	Self-organising time division multiple access
SQRT	Ir-radiċi kwadrata
STI	Immaġini tat-traffiku strateġika
TDMA	Time division multiple access
TTI	Immaġni tat-traffiku tattika
UDP	Protokoll tad-datagramma tal-utent
UMTS	Sistema ta' komunikazzjoni mobbli universali
UN	In-Nazzjonijiet Uniti
UN/LOCODE	Il-Kodiċi tal-Pożizzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti
UTC	Il-ħin universali koordinat
VDL	Konnessjoni ta' dejta VHF
VHF	Frekwenza għolja ħafna
VTS	Servizzi tat-traffiku għall-bastimenti
WGS-84	Is-Sistema Ġeodetika Dinjija mill-1984
WiFi	Wireless Fidelity (l-istandard tan-networking mingħajr fili IEEE 802.11)
WIG	Wing in ground

▼C1

1. L-UŻU TA' MONITORAĠĠ U LOKALIZZAZZJONI TA' BASTIMENTI FIN-NAVIGAZZJONI INTERNA

1.1. **Introduzzjoni**

Fin-navigazzjoni marittima, l-IMO introduċiet is-sistema tal-identifikazzjoni awtomatika (AIS). Il-bastimenti ta' fuq il-baħar kollha fuq vjaġġ internazzjonali li jaqgħu taħt il-Konvenzjoni SOLAS Kapitolu 5 għandhom ikunu mgħammra bl-AIS mill-aħħar tal-2004. Il-linji gwida għall-ippjanar, l-implimentazzjoni u l-użu operazzjonali tas-Servizzi tal-Informazzjoni tax-Xmajjar jiddefinixxu l-AIS Interna bħala teknoloġija importanti. Minħabba żoni ta' traffiku mħallta huwa importanti li l-istandards, speċifikazzjonijiet tekniċi u proċeduri għat-tbaħħir intern jkunu kompatibbli mal-mal-istandards, speċifikazzjonijiet tekniċi u proċeduri għan-navigazzjoni ta' fuq il-baħar diġà definiti.

Sabiex tissodisfa r-rekwiżiti speċifiċi tan-navigazzjoni interna, l-AIS kompliet tiġi żviluppata għal dik li tissejjaħ l-ispeċifikazzjoni teknika AIS Interna fil-waqt li tippreżerva l-kompatibbilità sħieħa mal-AIS marittima tal-IMO u standards tan-navigazzjoni diġà eżistenti.

F'dan id-dokument il-kapitolu 1 jiddeskrivi l-ispeċifikazzjonijiet funzjonali li għandhom x'jaqsmu mal-monitoraġġ u l-lokalizzazzjoni fin-navigazzjoni interna. Fil-kapitolu 2 l-ispeċifikazzjoni teknika tal-AIS interna hija deskritta, flimkien mal-messaġġi standard għall-monitoraġġ u l-lokalizzazzjoni interna. Deskrizzjoni ġenerali tad-definizzjoni tas-servizzi u parteċipanti hija mgħotija fl-Appendiċi A: Definizzjonijiet.

L-iskop tal-kapitolu ta' introduzzjoni huwa li jiddefinixxi r-rekwiżiti funzjonali neċessarji kollha li għandhom x'jaqsmu mal-monitoraġġ u l-lokalizzazzjoni tal-bastimenti fin-navigazzjoni interna.

Hija pprovduta deskrizzjoni ġenerali tal-oqsma ta' interess u l-utenti u partikolarment l-informazzjoni meħtieġa għal kull qasam ta' interess hija deskritta. L-ispeċifikazzjonijiet funzjonali huma bbażati fuq regoli u regolamenti għan-navigazzjoni, bbażati fuq diskussjonijiet ma' esperti u bbażati fuq esperjenzi eżistenti.

Tlett gruppi ta' informazzjoni:

— Informazzjoni dinamika, informazzjoni tinbidel ħafna drabi f'sekondi jew minuti.

— Informazzjoni semi-dinamika, informzzjoni li tinbidel ftit drabi biss f'kull vjaġġ.

— Informazzjoni statika, informazzjoni li tinbidel inqas minn ftit drabi fis-sena.

Għal kull grupp ta' informazzjoni jistgħu jkunu identifikati modi differenti ta' skambju ta' informazzjoni:

— Is-sistemi ta' monitoraġġ u lokalizzazzjoni ta' bastimenti għandhom jiskambjaw parikolarment l-informazzjoni dinamika.

— Is-servizzi ta' rappurtaġġ elettroniċi, bħall-email, huma maħsuba għall-iskambju tal-informazzjoni semi-dinamika.

— Id-dejtabejżis huma maħsuba biex jipprovdu informazzjoni statika li tista' tiġi miksuba permezz tal-Internet jew mezzi sorsi oħra ta' dejta.

Fil-paragrafi ta' hawn taħt dik l-informazzjoni li jista' tiġi skambjata minn sistemi ta' monitoraġġ u lokalizzazzjoni bejn il-vapuri u bejn il-vapuri u l-art hija deskritta fid-dettal. Il-bżonnijiet ta' informazzjoni huma deskritti b'rabta mal-monitoraġġ u l-lokalizzazzjoni. Madankollu,

▼C1

għall-parti l-kbira tax-xogħol hija meħtieġa informazzjoni adizzjonali bħal informazzjoni ġeografika, informazzjoni dettaljata dwar il-merkanzija, informazzjoni dwar ir-residenza. Din it-tip ta' informazzjoni ser tkun ipporvduta minn sistemi oħra.

1.2. **Ambitu**

It-tabella ta' hawn taħt tagħti deskrizzjoni ġenerali tal-oqsma ta' interess ittrattati f'dan id-dokument. Kull qasam ta' interess huwa maqsum f'kompiti u għal kull kompitu huwa definit l-utent.

Tabella 1.1

Deskrizzjoni ġenerali tal-tal-oqsma ta' interess, kompitu u utenti

Il-qasam ta' interess	Il-Kompitu	L-Utent
In-navigazzjoni	Fuq perjodu ta' żmien medju: Tfittxija minn minuti sa sigħat bil-quddiem Id-distanza ta' barra miħhuqa mir-radar abbord	Il-kaptan diriġenti
	Fuq perjodu ta' żmien qasir: Tfittxija minuti bil-quddiem, f'distanza milħuqa mir-radar abbord	Il-kaptan diriġenti
	Fuq perjodu ta' żmien qasir ħafna Tfittxija minn sekondi sa minuta bil-quddiem	Il-kaptan diriġenti
Il-ġestjoni tat-traffiku tal-bastiment	VTS	L-operatur tal-VTS, il-kaptan diriġenti
	L-operazzjoni tal-magħluqa	l-operatur tal-magħluq, il-kaptan diriġenti
	L-ippjanar tal-magħluqa	L-operatur tal-magħluq, il-kaptan, il-kaptan tal-vapur, id-diriġent tal-flotta
	L-operazzjoni tal-pont	L-operatur tal-pont, il-kaptan diriġenti
	L-ippjanar tal-pont	L-operatur tal-pont, il-kaptan diriġenti, il-kaptan tal-vapur, id-diriġent tal-flotta
Servizz għall-prevenzjoni tad-diżastri		L-operatur fiċ-ċentru tad-diżastri, l-operatur tal-VTS, l-operatur tal-magħluq, l-operatur tal-pont, il-kaptan diriġeni, il-kaptan tal-vapur, l-Awtorità Kompetenti
Il-ġestjoni tat-trasport	L-ippjanar tal-vjaġġ	Il-kaptan tal-vapur, is-sensar tat-trasport tal-merkanzija, id-diriġent tal-flotta, l-operatur tat-terminal, il-kaptan diriġenti, l-operatur tal-VTS, l-operatur tal-magħluq, l-operatur tal-pont, l-operator tal-RIS
	Il-loġistika tat-trasport	Id-diriġent tal-flotta, il-kaptan, il-kunsinjatur, il-kunsinjatarju, l-aġent tal-konsenja
	Il-ġestjoni tal-port u tat-terminal	L-operatur tat-terminal, il-kaptan, l-aġent tal-konsenja, l-awtorità tal-port, l-awtorità kompetenti

▼C1

Il-qasam ta' interess	Il-Kompitu	L-Utent
	Il-ġestjoni tal-merkanzija u l-flotta	Id-diriġent tal-flotta, il-kunsinjatur, il-kunsinjatarju, l-aġent tal-konsenja, is-sensar tal-merkanzija, il-kaptan
Infurzar	Trans-konfini	Id-Dwana, l-awtorità kompetenti, il-kaptan
	Is-sikurezza tat-traffiku	L-awtorità kompetetni, il-kaptan (l-awtoritajiet tal-pulizija)
It-tariffi tal-infrastruttura tal-mgħodija navigabbli u l-port		L-awtorità kompetenti, il-kaptan, Id-diriġent tal-flotta, l-awtorità tal-mgħodijia navigabbli
Servizzi ta' informazzjoni dwar kanali navigabbli	Informazzjoni Meteoroloġika	Il-kaptan diriġenti
	Status tas-sinjal	L-awtorità kompetenti, il-kaptan, Id-diriġent tal-flotta
	Il-livell tal-ilma	L-awtorità kompetenti, il-kaptan tal-vapur, id-diriġent tal-flotta, il-kaptan diriġenti

Fil-paragrafi li ġejjin, għal kull qasam ta' interess u kompiti, l-utenti u l-bżonnijiet ta' informazzjoni huma deskritti fid-dettall.

Nota: l-ordni tal-bżonnijiet ta' informazzjoni f'kull kompitu ma timplikax importanza differenti tal-informazzjoni. L-eżattezza tal-bżonnijiet għall-informazzjoni hija mqassra f'tabella fl-aħħar paragrafu.

1.3. **Navigazzjoni**

Il-monitoraġġ u l-lokalizzazzjoni jistgħu jkunu użati għall-appoġġ tan-navigazzjoni attiva abbord.

In-navigazzjoni tal-proċess tista' tiġi maqsuma fi tliett fażijiet:

— in-navigazzjoni, għal perjodu ta' żmien medju bil-quddiem,

— in-navigazzjoni, għal perjodu ta' żmien qasir bil-quddiem,

— in-navigazzjoni, għal perjodu ta' żmien qasir ħafna bil-quddiem.

Għal kull fażi r-rekwiżiti tal-utent huma differenti.

1.3.1. *In-navigazzjoni, għal perjodu ta' żmied medju bil-quddiem*

In navigazzjoni għal perjodu ta' żmien medju bil-quddiem hija l-fażi tan-navigazzjoni li fiha il-kaptan josserva u janalizza s-sitwazzjoni tat-traffiku sa minn ftit minuti sa siegħa bil-quddiem u jikkunsidra x'inhuma l-possibiltajiet ta' fejn ikun jista' jiltaqa', jiskorri jew jissorpassa bastimenti oħra.

L-istampa tat-traffiku meħtieġa hija waħda li tipikament tesiġi li wieħed joqgħod attent għal dak li jista' jinqala' u pjuttost barra mill-ambitu tad-distanza tar-radar abbord.

L-informazzjoni fuq it-traffiku skambjata magħmula minn:

— l-identifikazzjoni,

— l-isem,

▼C1

— il-pożizzjoni (attwali),

— il-veloċità fuq l-art,

— ir-rotta fuq l-art/id-direzzjoni,

— id-destinazzjon/ir-rotta intenzjonata,

— il-bastiment u t-tip ta' konvoj,

— id-dimensjonijiet (it-tul u l-wisa'),

— l-għadd ta' koni blu,

— mgħobbi/mhux mgħobbi,

— l-istatus ta' navigazzjoni tal-bastiment (ankrat, irmiġġjat, ibaħħar, ristrett b'kondizzjonijiet speċjali, …).

Ir-rata ta' aġġornament tiddependi fuq il-kompitu u tvarja mis-sitwazzjoni li fiha jkun involut il-vapur. (Ir-rata massima ta' aġġornament hija ta' żewġ sekondi.)

1.3.2. *In-navigazzjoni, għal perjodu qasir bil-quddiem*

In-navigazzjoni għal perjodu qasir bil-quddiem hija l-fażi ta' deċiżjoni fil-proċess tan-navigazzjoni. F'din il-fażi l-informazzjoni dwar it-traffiku għandha relevanza għall-proċess tan-navigazzjoni, li jinkludi miżuri biex jiġu evitati kolliżjonijiet jekk ikun hemm bżonn. Din il-funzjoni tikkonsisti fl-osservazzjoni ta' bastimenti oħra fil-viċinanzi tal-bastiment. L-informazzjoni dwar it-traffiku skambjata tikkonsisti fi:

— L-identifikazzjoni,

— L-isem,

— Il-pożizzjoni (attwali),

— Il-veloċità fuq l-art (b'eżattezza ta' 1 km/s),

— Ir-rotta fuq l-art/id-direzzjoni,

— Id-direzzjoni

— L-intenzjoni (is-sinjal il-blu),

— Id-destinazzjoni/ir-rotta intenzjonata,

— Il-bastiment/it-tip ta' konvoj,

— Id-dimensjonijiet (it-tul u l-wisa'),

— L-għadd ta' koni blu,

— mgħobbi/mhux mgħobbi,

— l-istatus ta' navigazzjoni tal-bastiment (ankrat, irmiġġjat, ibaħħar, ristrett b'kundizzjonijiet speċjali …).

L-informazzjoni attwali dwar it-traffiku dwar il-pożizzjoni, l-identifikazzjoni, l-isem, id-direzzjoni, il-veloċità fuq l-art, ir-rotta, id-direzzjoni u l-intenzjoni (is-sinjal il-blu) jiġu skambjati kontinwament mill-anqas kull 10 sekondi).

▼C1

1.3.3. *In-navigazzjoni, għal żmien qasir ħafna bil-quddiem*

In-navigazzjoni għal żmien qasir ħafna bil-quddiem hija l-proċess operattiv tan-navigazzjoni. Tikkonsisti fit-twettieq tad-deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu minn qabel, fuq il-post u l-monitoraġġ tal-effetti tagħhom. L-informazzjoni dwar it-traffiku meħtieġa minn bastimenti oħrajn speċjalment f'din is-sitwazzjoni hija marbuta mal-kondizzjonijiet tal-bastiment tiegħu stess, bħall-pożizzjoni relattiva, il-veloċità relattiva, eċċ. F'din il-fażi huwa meħtieġ li wieħed isegwi informazzjoni preċiża:

— il-pożizzjoni relattiva,

— id-direzzjoni relattiva

— il-veloċità relattiva,

— il-ġarr mill-kurrent relattiv,

— ir-rata ta' dawrien relattiva.

Fuq bażi tar-rekwiżiti imsemmija hawn fuq issa huwa ċar li minn kif jidhru l-affarijiet il-lum in-navigazzjoni għal perjodu ta' żmien qasir ħafna ma tistax tagħmel użu minn informazzjoni dwar il-monitoraġġ u l-lokalizzazzjoni.

1.4. **Il-ġestjoni tat-traffiku tal-bastimenti**

Il-ġestjoni tat-traffiku tal-bastimenti tikkonsisti f'mill-anqas l-elementi spjegati hawn taħt:

— is-servizzi tat-traffiku tal-bastimenti,

— l-ippjanar u l-operazzjoni tal-magħluqa,

— il-ġestjoni u t-tħaddim tal-pontijiet.

1.4.1. *Is-servizzi tat-traffiku tal-bastimenti*

Fost is-servizzi tat-traffiku wieħed jista jiddistingwi servizzi differenti:

— servizz ta' informazzjoni,

— servizz ta' assistenza fin-navigazzjoni,

— servizz ta' organizazzjoni tat-traffiku.

Fil-paragrafi li jmiss huma deskritti l-bżonnijiet ta' informazzjoni marbuta mat-traffiku meħtieġa mill-utent.

1.4.1.1. Servizz ta' informazzjoni

Is-servizz ta' informazzjoni huwa pprovdut bix-xandir ta' informazzjoni f'ħinijiet u intervalli fissi jew meta meqjus neċessarju mill-VTS jew fuq talba ta' bastiment, u jista' jinkludi per eżempju rapporti dwar il-pożizzjoni, l-identità u l-intenzjoni ta' traffiku ieħor, il-kondizzjonijiet tal-kanali navigabbli; it-temp, perikli; jew kwalunkwe fatturi oħrajn li jistgħu jinfluwenzaw it-traġitt tal-bastiment.

Għas-servizzi ta' informazzjoni hija meħtieġa deskrizzjoni ġenerali tat-traffiku f'rettikolat jew f'medda ta' passaġġi navigabbli

— l-identifikazzjoni,

— l-isem,

— il-pożizzjoni (attwali),

— ir-rotta fuq l-art/direzzjoni,

▼C1

— il-limitazzjonijiet tal-ispazju navigabbli,

— id-destinazzjoni/rotta intenzjonata,

— it-tip ta' bastiment u tal-konvoj

— id-dimensjonijiet (it-tul u l-wisgħa),

— l-għadd ta' koni blu,

— mgħobbi/mhux mgħobbi

— l-għadd ta' persuni abbord (f'każ ta' inċident),

— l-istatus tan-navigazzjoni tal-bastiment (ankrat, irmiġġjat, ibaħħar, ristrett minn kondizzjonijiet speċjali, …)

L-awtorità kompetenti ser tiddetermina ir-rata ta' aġġornament predefinita.

1.4.1.2. Servizz ta' assistenza fin-navigazzjoni

Servizz ta' assistenza fin-navigazzjoni jinforma lill-kaptan dwar ċirkostanzi tan-navigazzjoni jew metereoloġiċi diffiċli jew jassistih f'każ ta' difetti jew defiċjenzi. Dan is-servizz normalment jingħata fuq-talba ta' bastiment jew mill-VTS meta jkun meqjus meħtieġ.

Biex jipprovdi informazzjoni individwali lill-kaptan, l-operatur tal-VTS ikollu bżonn ta' stampa ddettaljata tat-traffiku.

Il-kontribuzzjoni tal-monitoraġġ u l-lokalizzazzjoni tal-bastimenti hija:

— l-identifikazzjoni,

— l-isem,

— il-pożizzjoni (attwali)

— il-veloċità fuq l-art,

— ir-rotta fuq l-art/direzzjoni,

— l-intenzjoni (sinjal blu)

— id-destinazzjoni/rotta intenzjonata

— it-tip ta' bastiment u tal-konvoj

— id-dimensjonijiet (it-tul u l-wisa'),

— il-fundar,

— l-għoli (f'każ ta' ostakoli),

— l-għadd ta' koni blu,

— mgħobbi/mhux mgħobbi

— l-istatus tan-navigazzjoni tal-bastiment (ankrat, irmiġġjat, ibaħħar, ristrett b'kondizzjonijiet speċjali, …).

Kull tip ta' informazzjoni oħra meħtieġa hija informazzjoni ambjentali, ġeografika u Avviżi għall-Kaptani.

▼C1

L-informazzjoni attwali tat-traffiku dwar l-identifikazzjoni, il-pożizzjoni, id-direzzjoni, il-veloċità, ir-rotta u l-intenzjoni (sinjal blu) għandha tiġi skambjata kontinwament (kull tliet sekondi, fi kważi ħin reali jew b'rata predefinita ta' aġġornament oħra stabbilita mill-awtorità kompetenti).

L-informazzjoni l-oħra kollha għandha tkun disponibbli meta mitluba mill-operatur tal-VTS jew f'okkażjonijiet speċjali (fl-okkażjoni).

1.4.1.3. Servizz tal-organizazzjoni tat-traffiku

Servizz tal-organizazzjoni tat-traffiku jikkonċerna l-ġestjoni operazzjonali tat-traffiku u l-ippjanar bil-quddiem tal-moviment tal-bastimenti biex ikunu evitati l-konġestjoni u s-sitwazzjonijiet perikoluż u huwa partikolarment relevanti f'ħinijiet ta' traffiku qawwi jew meta l-moviment ta' trasporti speċjali jista' jeffetwa l-flussta' traffiku ieħor. Is-servizz jista' wkoll jinkludi t-twaqqif u l-operazzjoni ta' sistema ta' awtorizzazzjoni tat-traffiku jew pjanijiet ta' tbaħħir VTS jew it-tnejn b'rabta mal-prijorità tal-movimenti, l-allokazzjoni tal-ispazju, ir-rapportaġġ mandatorju tal-movimenti fiż-żona tas-VTS, ir-rotot li għandhom ikunu segwiti, il-limiti ta' veloċità li għandhom jkunu osservati jew miżuri oħra xieraqa li huma kkunsidrati neċessarji mill-awtorità VTS. Ir-rekwiżiti tal-tal-immaġni tat-traffiku għas-servizz tal-organizzazzjoni tat-traffiku huma l-istess kif deskritti fil-paragrafu 1.4.1.2 tas-servizz tal-assistenza għan-Navigazzjoni.

1.4.2. *Ippjanar u operazzjoni tal-magħluqa*

Fil-paragrafi li jmiss huma deskritti l-proċessi tal-ippjanar tal-magħluqa — fuq żmien twil u fuq żmien medju — u l-proċess tal-operazzjoni tal-magħluqa.

1.4.2.1. Ippjanar tal-magħluqa, fuq żmien twil

L-ippjanar tal-magħluqa fuq żmien twil bil-quddiem jikkonsisti fil-ġestjoni tal-magħluqa sa minn ftit sigħat sa' ġurnata bil-quddiem.

F'dan il-każ l-informazzjoni dwar it-traffiku hija użata biex titjieb l-informazzjoni dwar il-ħin li l-vapuri jdumu jistennew u jdumu biex jgħaddu fil-magħluq, li oriġinarjament ikunu bbażati fuq informazzjoni statistika.

L-informazzjoni dwar it-traffiku meħtieġa għall-ippjanar tal-magħluqa fuq żmien twil hija:

— l-identifikazzjoni,

— l-isem

— il-pożizzjoni (attwali),

— ir-rotta fuq l-art/id-direzzjoni,

— l-ETA fil-magħluq,

— l-RTA fil-magħluq,

— it-tip ta' bastiment u konvoj

— id-dimensjonijiet (it-tul u l-wisa'),

— il-fundar,

— l-għoli,

— l-għadd ta' koni blu

▼C1

— l-istatus tan-navigazzjoni tal-bastiment (ankrat, irmiġġjat, ibaħħar ristrett minn ċerti kondizzjonijiet …).

L-ETA għandhu jkun disponibbli meta jintalab jew għandhu jkun skambjat meta tkun eċċeduta devjazzjoni tal-ETA orriġinali li jkun definit bil-quddiem mill-awtorità kompetenti. L-RTA hija r-reazzjoni għal rapport tal-ETA.

1.4.2.2. Ippjanar tal-magħluqa għal żmien medju

L-ippjanar tal-magħluqa għal perjodu ta' żmien medju bil-quddiem tfisser l-ippjanar ta' magħluq sa minn żewġ jew erba' ċikli tal-magħluq bil-quddiem.

F'dan il-każ l-informazzjoni dwar it-traffiku tiġi użata biex il-bastimenti li qed jaslu jiġu mmappati skont iċ-ċikli tal-magħluq disponibbli u bbażati fuq l-ippjanar biex il-kaptani jkunu infurmati dwar l-RTA (il-ħin tal-wasla mitlub).

L-informazzjoni dwar it-traffiku meħtieġa għall-ippjanar tal-magħluqa għall-perjodu ta' żmien medju hija:

— l-identifikazzjoni,

— l-isem,

— il-pożizzjoni (attwalil),

— il-veloċità fuq l-art,

— ir-rotta fuq l-art/id-direzzjoni,

— l-ETA fil-magħluq,

— l-RTA fil-magħluq,

— it-tip ta' bastiment u tip ta' konjoj,

— id-dimensjonijiet (it-tul u l-wisa'),

— l-għadd ta' laneċ tal-irmonk,

— il-fundar

— l-għoli,

— in-nurmu ta' koni blu,

— l-istatus ta' navigazzjoni tal-bastiment (ankrat, irmiġġjat, ibaħħar ristrett b'ċerti kundizzjonijiet, …).

L-ETA għandu jkun disponibbli meta mitlub jew skambjat meta tkun eċċeduta devjazzjoni ddefinita bil-quddiem mill-Awtorità Kompetenti tal-ETA oriġinali. L-informazzjoni l-oħra kollha għandha tkun disponibbli darba mal-ewwel kuntatt jew meta mitluba. L-RTA hija r-reazzjoni fuq rapport tal-ETA.

1.4.2.3. L-operazzjoni tal-magħluqa

F'din il-fażi jitwettaq il-proċess attwali tal-għeluq.

Biex ikun iffaċilitat il-proċess tal-operazzjoni tal-għeluq hija meħtieġa l-informazzjoni fuq it-traffiku li jmiss:

— l-identifikazzjoni,

— l-isem,

▼C1

— il-pożizzjoni (attwali),

— il-veloċità fuq l-art,

— ir-rotta fuq l-art/id-direzzjoni,

— it-tip ta' bastiment u tal-grupp tal-konvoj

— in-numru tal-laneċ tal-irmonk li qed jassistu,

— id-dimensjonijiet (it-tul u l-wisa'),

— il-fundar,

— l-għoli,

— in-nurmu ta' koni blu,

— l-istatus ta' navigazzjoni tal-bastiment (ankrat, irmiġġjat, ibaħħar ristrett b'ċerti kundizzjonijiet, …).

L-informazzjoni attwali tat-traffiku fuq l-identifikazzjoni, il-pożizzjoni, id-direzzjoni, il-veloċità u r-rotta għandha tkun skambjata kontinwament jew skont ir-rata ta' aġġornament definita bil-quddiem mill-awtorità kompetenti.

1.4.3. *L-ippjanar u t-tħaddim tal-pontijiet*

Fil-paragrafi li jmiss qed jiġu deskritti l-proċessi tal-ippjanar tal-pontijiet — għall-perjodu ta' żmien medju u qasir — u l-proċess tat-tħaddim tal-pontijiet.

1.4.3.1. L-ippjanar tal-pontijiet għall-perjodu ta' żmien medju

Il-proċess tal-ippjanar tal-pont għall-perjodu ta' żmien medju jikkonsisti fit-titjib taċ-cirkolazzjoni tat-traffiku b'tali mod li l-pontijiet ikunu miftuħa fil-ħin biex minnhom jgħaddu l-bastimenti (il-mewġa l-ħadra). Il-ħin fejn wieħed il-quddiem ivarja bejn 15-il minuta u sagħtejn. It-tul ta' ħin jiddependi fuq is-sitwazzjoni lokali.

L-informazzjoni dwar it-traffiku meħtieġa għall-ippjanar tal-pontijiet fuq perjodu ta' żmien medju hija:

— l-identifikazzjoni

— l-isem

— il-pożizzjoni

— il-veloċità fuq l-art

— ir-rotta fuq l-art/id-direzzjoni

— l-ETA fuq il-pont,

— l-RTA fuq il-pont,

— it-tip ta' bastiment u konvoj

— id-dimensjonijiet (it-tul u l-wisa'),

— il-kurrent tal-arja,

— l-istatus tan-navigazzjoni tal-bastiment (ankrat, irmiġġjat, ibaħħar ristrett b'kondizzjonijiet speċjali, …).

▼C1

L-ETA u l-pożizzjoni għandhom ikunu disponibbli meta mitluba jew għandhom jiġu skambjati bħala devjazzjoni definita bil-quddiem mill-awtorità kompetenti tal-ETA oriġinali tkun skorruta. L-informazzjoni l-oħra kollha ser tkun disponibbli mal-ewwel kuntatt jew meta mitluba. L-RTA hija r-reazzjoni għall-rapport tal-ETA.

1.4.3.2. L-ippjanar tal-pontijiet fuq żmien qasir

F'każ ta' proċess ta' ppjanar ta' pontijiet għall-perjodu ta' żmien qasir jittieħdu deċiżjonijiet dwar l-istrateġija għall-ftuġħ tal-pont.

L-informazzjoni dwar it-traffiku meħtieġa għall-ippjanar tal-pont għall-perjodu ta' żmien qasir hija:

— l-identifikazzjoni,

— l-isem,

— il-pożizzjoni (attwali)

— il-veloċitaà fuq l-art

— il-rotta fuq l-art/id-direzzjoni

— l-ETA fuq il-pont

— l-RTA fuq il-pont,

— it-tip ta' bastiment u tal-konvoj

— id-dimensjonijiet (it-tul u l-wisa'),

— l-għoli

— l-istatus ta' navigazzjoni tal-bastiment (ankrat, irmiġġjat, ibaħħar ristrett b'kundizzjonijiet speċjali, …).

L-informazzjoni attwawli tat-traffiku dwar il-pożizzjoni, il-veloċità, u d-direzzjoni għandha tkun disponibbli meta mitluba jew mir-rata ta' aġġornament predefinita iffissata mill-awtorità kompetenti, eż. kull ħames minuti. L-ETA u l-pożizzjoni ser ikunu disponibbli meta mitluba jew għandha tkun skambjata bħala devjazzjoni definita bil-quddiem mill-Awtorità Kompetenti. L-RTA hija r-reazzjoni għal rapport tal-ETA.

1.4.3.3. It-tħaddim tal-pontijiet

F'din il-fażi iseħħ il-ftuħ attwali u l-passaġġ tal-bastiment minn taħt il-pont. Biex dan il-proċess ikun iffaċilitat tenħtieġ l-informazzjoni tat-traffiku li jmiss:

— l-identification,

— l-isem,

— il-pożizzjoni (attwali),

— il-veloċità fuq l-art,

— ir-rotta fuq l-art/id-direzzjoni,

— it-tip ta' bastiment u tal-konvoj

— id-dimensjonijiet (it-tul u l-wisa'),

▼C1

— l-għoli.

L-informazzjoni fuq it-traffiku attwali dwar l-identifikazzjoni, il-pożizzjoni, id-direzzjoni, il-veloċità, u r-rotta għandha tiġi skambjata kontinwament jew skont ir–rata ta' aġġornament predefinita ifissata mill-awtorità kompetenti..

1.5. **It-tnaqqis tad-diżastri**

F'dal-kuntest it-tnaqqis tad-diżastri jiffoka fuq miżuri reppressivi: li jittrattaw ma' inċidenti reali u jipprovdu assistenza waqt l-emerġenzi. Biex ikun iffaċilitat dan il-proċess hija meħtieġa l-informazzjoni tat-traffiku li jmiss:

— l-identifikazzjoni,

— l-isem,

— il-pożizzjoni (attwali)

— ir-rotta fuq l-art/id-direzzjoni,

— id-destinazzjoni,

— it-tip ta' bastiment u tal-konvoj,

— l-għadd ta' koni blu

— mgħobbija/mhux mgħobbija,

— l-għadd ta' persuni abbord.

F'każ ta' inċident l-informazzjoni tat-traffiku tista' tkun ipprovduta awtomatikament inkella min qed jissielet mad-diżastru jitlob l-informazzjoni.

1.6. **Il-ġestjoni tat-trasport**

Dan is-servizz huwa maqsum f'erba' attivitajiet

— l-ippjanar tal-vjaġġi,

— il-loġistika tat-trasport,

— il-ġestjoni tal-portijiet u tat-terminali,

— il-ġestjoni tal-merkanzija u tal-flotot,

1.6.1. *L-ippjanar tal-vjaġġ*

L-ippjanar tal-vjaġġ f'dan il-kuntest jiffoka fuq l-ippjanar waqt il-vjaġġ. Waqt il-vjaġġ il-kaptan jiċċekkja l-vjaġġ ippjanat tiegħu oriġinali.

Għal dan il-proċess hija meħtieġa l-informazzjoni tat-traffiku li jmiss:

— il-pożizzjoni (attwali, tal-bastiment),

— il-velocità fuq l-art (tal-bastiment),

— id-destinazzjoni/ir-rotta intenzjonata,

— l-ETA fil-magħluq/pont/fis-settur li jmiss/terminal,

— l-RTA fil-magħluq/fuq il-pont/fis-settur li jmiss/terminal,

▼C1

— id-dimensjonijiet (it-tul u l-wisa') (tal-bastiment tiegħek),

— il-fondar (tal-bastiment),

— tal-kurrent tal-arja (tal-bastiment),

— mgħobbi/mhux mgħobbi.

L-informazzjoni tat-traffiku hija meħtieġa meta mitluba jew f'każ ta' eveniment speċjali bħalma hi bidla relevanti fl-ETA jew fl-RTA.

1.6.2. *Il-loġistika tat-trasport*

Il-loġistika tat-trasport tikkonsisti fl-organizazzjoni, l-ippjanar, l-eżekuzzjoni u l-kontroll tat-trasport.

Għall dawn il-proċessi hija meħtieġa l-informazzjoni tat-traffiku li ġejja:

— l-identifikazzjoni,

— l-isem,

— il-pożizzjoni (attwali),

— ir-rotta ta' fuq l-art, id-direzzjoni,

— l-ETA bħala destinzzjoni.

L-informazzjoni tat-traffiku kollha hija meħtieġa meta mitluba minn sid il-vapur jew il-parteċipanti fil-loġistika.

1.6.3. *Il-ġestjoni intermodali tal-portijiett u tat-terminali*

Il-ġestjoni intermodali tal-portijiet u tat-terminali tikkunsidra l-ippjanar tar-risorsi fil-portijiet u fit-terminali.

L-informazzjoni meħtieġa għal dawn il-proċessi hija deskritta hawn taħt:

— l-identifikazzjoni,

— l-isem,

— il-pożizzjoni(attwali),

— ir-rotta fuq l-art/id-direzzjoni,

— l-ETA fil-port/fit-terminali,

— l-RTA fil-port/fit-terminal,

— il-bastiment u l-konvoj

— id-dimensjonijiet (it-tul u l-wisa'),

— in-numru tal-koni blu,

— Mgħobbi/mhux mgobbi,

— l-status tan-navigazzjoni tal-bastiment ankrat, irmiġġjat, ibaħħar ristretti bi'kondizzjonijiet speċjali, …).

▼C1

L-amministratur tat-terminal u tal-port jitolb informazzjoni fuq it-traffiku jew jaqbel li f'sitwazzjonijiet predefiniti l-informazzjoni tat-traffiku ser tintbagħat awtomatikament.

1.6.4. *Il-ġestjoni tal-mertkanzija u tal-flotot*

Il-ġestjoni tal-merkanzija u tal-flotot tikkunsidra l-ippjanar u l-isfruttament tal-użu tal-bastimenti, l-irranġar tal-merkanzija u t-trasport.

L-informazzjoni fuq it-traffiku meħtieġa għal dawn il-proċessi hija spjegata hawn taħt:

— l-identifikazzjoni,

— l-isem,

— il-pożizzjoni (attwali)

— ir-rotta fuq l-art/id-direzzjoni (tiela' max-xmara/nieżel max-xmara),

— id-destinazzjoni

— l-ETA fil-magħluq/fuq il-pont/fid-destinazzjoni/fit-terminal,

— l-RTA fil-magħluq/fuq il-pont/fit-terminal,

— id-dimensjonijiet (it-tul u l-wisa')

— mgħobbi/mhux mgħobbi

— l-istatus tan-navigazzjoni tal-bastiment (ankrat, irmiġġjat, ibaħħar ristrett b'certi kundizzjonijiet speċjali, …).

Il-kaptan jew sid il-vapur ser jitlob l-informazzjoni tat-traffiku inkella l-informazzjoni tat-traffiku tintbagħat f'sitwazzjonijiet predefiniti.

1.7. **L-infurzar**

I-kompitu ta' infurzar deskritt hawn taħt huwa limitat għas-servizzi għall-prodotti perikoluż, il-kontroll tal-imigrazzjoni u d-dwana.

Il-kontribuzzjoni tal-monitoraġġ u lokalizzazzjoni tal-bastimenti għal dawn il-proċessi hija

— l-identifikazzjoni,

— l-isem,

— il-pożizzjoni,

— ir-rotta fuq l-art/id-direzzjoni

— id-destinazzjoni/ir-rotta intenzjonata

— l-ETA fil-magħluq/fit-terminaltion/fid-destinazzjoni,

— it-tip ta' bastiment u tal-konvoj

— l-għadd ta' koni blu,

— l-għadd ta' persuni abbord,

▼C1

— l-istatus tan-navigazzjoni tal-bastiment (ankrat, irmiġġjat, ibaħħar ristretti b'kundizzjonijiet speċjali, …).

L-informazzjoni tat-traffiku ser tkun skambjata mal-awtoritajiet xierqa. L-iskambju tal-informazzjoni tat-traffiku ser issir meta mitluba jew f'postijiet fissi predefiniti jew f'ċirkustanzi speċjali deskritti definiti mill-awtorità responsabbli.

1.8. **It-tariffi tal-infrastruttura tal-portijiet u tal-kanali navigabbli**

F'postijiet differenti fl-Ewropa wieħed huwa obbligat iħallas għall-użu tal-passaġġi navigabbli u l-portijiet.

L-informazzjoni tat-traffiku meħtieġa għal dawn il-proċessi tinsab spjegata hawn taħt:

— l-identifikazzjoni,

— l-isem,

— il-pożizzjoni

— id-destinazzjoni/ir-rotta intenzjonata,

— it-tip ta' bastiment jew ta' konvoj

— id-dimensjonijiet (it-tul u l-wisa'),

— il-fundar.

L-informazzjoni fuq it-traffiku ser tkun skambjata meta mitluba jew f'punti fissi, definiti mill-awtorità responsabbli tal-passaġġ għan-navigazzjoni jew tal-port.

1.9. **Servizzi ta' informazzjoni tal-passaġġ navibabbli**

B'relazzjoni ma servizzi ta' informazzjoni għal passaġġi navigabbli tliett servizzi qed ikunu spjegati:

— twissijiet fuq it-temp f'każ ta' kondizzjonijiet estremi tat-temp,

— l-istatus tas-sinjal

— il-livelli tal-ilma.

Fil-paragrafu li jmiss, l-informazzjoni pprovduta qed tkun deskritta.

1.9.1. *Twissijiet fuq it-temp(EMMA)*

Il-proġett Ewropew "EMMA" li għaddej bħalissa (is-sistema multiservizzjali Ewropea ta' twissijiet meteoroloġiċi) qed jittratta l-istandardizzazzjoni tat-twissijiet tat-temp. Simboli standardizzati għal twissijiet meteoroloġiċi ġew żviluppati fil-proġett EMMA u jistgħu jkunu użati għall-wiri tal-messaġġi fuq l-iskrin tal-ECDIS Intern.

L-EMMA m'hiex ser tipprovdi informazzjoni kontinwa dwar it-temp, iżda biss twissijiet f'każ ta' sitwazzjonijiet meteoroloġiċi speċjali. It-twissijiet huma pprovduti għar-reġjuni.

Huma biss km/h (riħ), ºC (temperatura), cm/h (borra), l/m^2 h (xita) u m (distanza li tidher fiċ-ċpar) li jistgħu jkunu użati għat-twissijiet tat-temp.

L-informazzjoni li ġejja hija meħtieġa:

— il-bidu tad-data tal-perjodu tal-validità,

▼C1

— l-aħħar tad-data tal-validità (indefinita:99999999),

— il-bidu tal-validità,

— it-tmiem tal-validità,

— il-koordinati tal-bidu u tat-tmiem tal-kanal navigabbli (2x),

— it- tip ta' twissija tat-temp (ara l-Appendiċi B),

— il-valur minimu,

— il-valur massimu,

— il-klassifikazzjoni tat-twissija,

— id-direzzjoni tar-riħ (ara l-Appendiċi B).

Din l-informazzjoni tkun skambjata biss f'avvenimenti speċjali, f'każ ta' kondizzjonijiet tat-temp estremi.

1.9.2. *L-istatus tas-sinjal,*

Is-sistemi tal-monitoraġġ tal-bastimenti jistgħu jintużaw għat-trażmissjoni tal-istatus tas-sinjali tat-traffiku fin-navigazzjoni interni. L-informazzjoni li għandha tiġi skambjata tikkonsisti fi:

— il-pożizzjoni tas-sinjal,

— identifikazzjoni tal-kwalità tas-sinjal (dawl wieħed, żewġt idwal, "Wahrschau", eċċ.),

— id-direzzjoni tal-impatt,

— l-istatus kurrenti tas-sinjal.

Eżempji tas-sinjali huma mgħotija fl-Appendiċi Ċ.

Id-distribuzzjoni tal-informazzjoni għandha tkun ristretta għal żona speċifikata.

1.9.3. *Il-livell tal-ilma*

Sistemi ta' monitoraġġ u lokalizzazzjoni tal-bastimenti jistgħu jkunu wżati għat-trażmissjoni tal-informazzjoni tal-livell (attwali) tal-ilma:

L-informazzjoni li għandha tiġi skambjata tikkonsisti fi:

— stazzjon għall-kejl,

— valur tal-livell tal-ilma.

L-informazzjoni tkun mibgħuta regolarment jew mibgħuta meta mitluba.

1.10. **Il-konklużjoni**

L-ispeċifikazzjonijiet funzjonali ddeskrivew il-bżonnijiet tal-utent u l-bżonnijiet tad-data għal kull qasam ta' interess. Sistemi ta' monitoraġġ u lokalizzazzjoni ser jiskambjaw partikolarment l-informazzjoni dinamika.

Fit-tabella 1.2 qed tingħata idea konċiża tar-rekwiżiti dwar l-eżattezza tal-informazzjoni dinamika relatata max-xogħolijiet deskritti f'dan il-kapitolu.

▼C1

It-Tabella 1.2

Deskrizzjoni ġenerali tar-rekwiżiti ta' preċiżjoni tad-dejta dinamika

Il-preċiżjoni meħtieġa	Il-pożizzjoni	Il-veloċità fuq l-art	Ir-rotta fuq l-art	Id-direzzjoni
Navigazzjoni fuq perjodu ta' żmien medju 'l quddiem	15 — 100 m	1 — 5 km/h	—	—
Navigazzjoni għal-perjodu ta' żmien qasir	10 m (1)	1 km/h	5º	5º
Is-servizz tal-informazzjoni VTS	100 m — 1 km	—	—	—
Servizz ta' assistenza għan-navigazzjoni VTS	10 m (1)	1 km/h	5º	5º
Servizz ta' organizzazzjoni għat-traffiku VTS	10 m (1)	1 km/h	5º	5º
Ippjanar tal-magħluqa għal-perjodu ta' żmien twil	100 m — 1 km	1 km/h	—	—
Ippjanar tal-magħluqa għal-perjodu ta' żmien medju	100 m	0,5 km/h	—	—
Operazzjoni tal-magħluqa	1 m	0,5 km/h	3º	—
Ippjanar tal-pontijiet għal żmien medju	100 m — 1 km	1 km/h	—	—
Ippjanar tal-pontijiet għal żmien qasir	100 m	0,5 km/h	—	—
Operazzjoni tal-pontijiet	1 m	0,5 km/h	3º	—
Ippjanar tal-vjaġġi	15 — 100 m	—	—	—
Loġistika tat-trasport	100 m — 1 km	—	—	—
Ġestjoni tal-port u tat-terminali	100 m — 1 km	—	—	—
Ġestjoni tat-merkanzija u tal-flotot	100 m — 1 km	—	—	—
Il-prevenzjoni tad-diżastri	100 m	—	—	—
L-infurzar	100 m — 1 km	—	—	—
It-tariffi tal-kanali navigabbli u tal-portijiet	100 m — 1 km	—	—	—

(1) Barra minn hekk, għandhom ikunu sodisfatti r-rekwiżiti tar-Riżoluzzjoni IMO A.915 (22) dwar l-integrità, id-disponibbiltà, u l-kontinwità għall-eżattezza tal-pożizzjoni fuq il-kanali navigabbli interni.

2. L-ISPEĊIFIKAZZJONIJIET TEKNIĊI TAL-AIS INTERNA

2.1. **Introduzzjoni**

Fin-navigazzjoni marittima, l-IMO introduċiet is-sistema tal-introduzzjoni awtomatika (AIS). Il-vapuri kollha li jbaħħru fuq vjaġġi internazzjonali li jaqgħu taħt il-konvenzjoni SOLAS Kapitolu 5 għandhom jkunu mgħammra bl-AIS sa mill-aħħar ta' 2004.

▼C1

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill addottaw id-Direttiva 2002/59/KE ([1]) li tistabbilixxi sistema ta' monitoraġġ u ta' informazzjoni għat-traffiku tal-bastimenti tal-Komunità għal dawk il-bastimenti li waqt li jbaħħru qed iġorru merkanzija perikoluża jew ta' tniġġis u li jużaw l-AIS għar-Rapportaġġ u l-Monitoraġġ tal-Vapuri.

It-teknoloġija AIS hija kkunsidrata bħala mod addattat li jista' wkoll ikun użat għall-identifikazzjoni awtomatika u għall-monitoraġġ u l-lokalizzazzjoni tal-bastimenti fin-navigazzjoni interna. L-eżekuzzjoni f'ħin reali tal-AIS u d-disponibbiltà tal-istandards u l-linji gwida mad-dinja kollha huma speċjalment ta' benefiċċju għall-applikazzjonijiet marbuta mas-sikurezza.

Biex tista' tissodisfa r-rekwiżiti speċifiċi meħtieġa tan-navigazzjoni interna, l-AIS għandha tkun żviluppata iżjed għal dik li hi imsejjħa l-ispeċifikazzjoni teknika tal-AIS Interna fil-waqt li tippriżerva kompatibbiltà sħieħa mal-AIS marittima tal-IMO u l-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi fin-navigazzjoni interna.

Minħabba li l-AIS Interna hija kompatibbli mal-AIS SOLAS tal-IMO tagħmilha possibbli li jkun hemm skambju dirett ta' dejta bejn bastimenti li qed ibaħħru fuq il-baħar jew internament f'żoni bi traffiku varjat.

L-użu tal-AIS għall-identifikazzjoni awtomatika u l-monitoraġġ u l-lokalizzazzjoni tal-bastimenti fin-navigazzjoni interna jipprovdi dawn il-fatturi:

L-AIS hija:

— sistema tan-navigazzjoni marittima introdotta skont ir-rekwiżiti tal-ġarr tal-IMO għall-bastimenti kollha fis-SOLAS,

— sistema li topera b'mod dirett minn vapur għal vapur kif ukoll mill-vapur għall-fuq l-art u mill-art għall-fuq vapur,

— sistema ta' sikurezza b'eżiġenzi għoljin f'dak li għandu x'jaqsam ma' disponibbiltà, kontinwità u kredibilità,

— sistema f'ħin reali minħaba l-iskambju tad-dejta minn vapur għall-vapur b'mod dirett,

— sistema li topera b'mod awtonomu u li torganizza lilha nfisha mingħajr stazzjon prinċipali. M'hemmx il-bżonn ta' intelliġenza ta' kontroll ċentarli

— ibbażata fuq standards u proċeduri internazzjonali skont ir-regolament tas-SOLAS tal-IMO Kapitolu V,

— tip ta' sistema approvata sabiex ittejjeb is-sikurezza fin-navigazzjoni wara proċedura ta' ċertifikazzjoni.

— interoperabilità

L-iskop ta' dan id-dokument huwa li jiddefinixxi r-rekwiżiti funzjonali neċessarji kollha, l-emendi u l-estensjonijiet għall-AIS marittima eżistenti sabiex tinħoloq AIS interna għall-użu fin-navigazzjoni interna.

([1]) Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament u tal-Kunsill tas-27 Ġunju 2002 li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/75/KEE (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 10).

▼C1

2.2. **L-ambitu**

L-AIS hija sistema ta' dejta tar-radju ta' fuq il-vapuri, li tiskambja dejta dwar il-bastimenti statika, dinamika u relatata mal-vjaġġ bejn bastimenti mgħammra u bejn bastimenti mgħammra u stazzjonijiet tal-art. L-istazzjonijiet AIS ta' fuq il-vapuri ixandru l-identità, il-pożizzjoni u dejta oħra tal-bastiment b'intervalli regolari. Meta jirċievu dawn it-trażmissjonijiet, l-istazzjonijiet AIS li jinġarru fuq il-vapur jew jew ibbażati fuq il vapuri li huma milħuqa mir-radju jistgħu awtomatikament jillokalizzaw, jidentifikaw u jimmonitoraw bastimenti mgħammra bl-AIS fuq displej addattata bħar-radar jew l-ECDIS Interna. Is-sistemi tal-AIS huma maħsuba sabiex itejbu s-sikurezza tan-navigazzjoni fl-użu minn vapur għall-vapur, fis-sorveljanza (VTS), fil-monitoraġġ u l-lokalizzazzjoni tal-bastimenti, u fl-appoġġ għall-evitar tal-inċidenti.

Jistgħu jiġu distinti diversi tipi ta' stazzjonijiet AIS:

(a) Stazzjonijiet mobbli tal-klassi A użati mill-bastimenti kollha li jbaħħru li jaqgħu taħt ir-rekwiżiti tal-Kapitolu V tas-SOLAS tal-IMO;

(b) Stazzjonijiet mobbli tal-klassi B SO/CS li għandhom funzjonalità limitata li jintużaw minn eż. dgħajjes privati;

(c) Derivati tal-Klassi A, li għandhom funzjonalità tal-klassi A sħieħa fuq livell ta' VDL, jistgħu jiżvijaw f'funzjonijiet supplimentari u jistgħu jkunu wżati mill-bastimenti kollha li ma jaqgħux taħt ir-rekwiżiti tal-ġarr tal-IMO (eż. laneċ tal-tal-irmonk, bastimenti pilota, bastimenti għan-navigazzjoni interna (li se jkunu msejħa l-AIS interni f'dan id-dokument),

(d) l-istazzjonijiet bażi, inklużi l-istazzjonijiet ripetituri tat-tip simplex u duplex ibbażati fuq l-art.

Jistgħu jiġu distinti l-metodi ta' operazzjoni li ġejjin:

(e) Operazzjoni minn vapur għall-vapur: il-bastimenti kollha mgħammra bl-AIS jistgħu jirċievu informazzjoni statika u dinamika mill-bastimenti l-oħra kollha mgħammra bl-AIS li huma milħuqin mir-radju;

(f) Operazzjoni minn vapur għall-art, dejta minn bastimenti mgħammra bl-AIS tista' wkoll tkun riċevuta minn stazzjonijiet ibbażati fuq l-AIS magħquda maċ-ċentru tal-RIS minn fejn tkun tista' tiġi ġġenerata stampa tat-traffiku (TTI u/jew STI);

(g) Operazzjoni mill-art għall-vapur: tista' tiġi trażmessa dejta dwar is-sikurezza mill-art għall-bastiment.

Karatteristika tal-AIS hija l-modalità awtonomu, bl-użu tas-SOTDMA mingħajr il-bżonn ta' stazzjon prinċipali li jorganizza. Il-Protokoll tar-radju huwa ddisinjat b'tali mod li l-istazzjonijiet tal-bastimenti joperaw awtonomament b'mod li jorganizzaw lilhom inifushom billi jiskambjaw il-parametri tal-aċċess għall-konnessjonijiet. Il-ħin huwa maqsum fi strutturi ta' minuta 'l-waħda b'2 250 perjodi ta' ħin għal kull stazzjon tar-radju li hu sinkronizzat mall-ħin skont il-UTC tal-GNSS. Kull parteċipant jorganizza l-aċċess tiegħu għall-istazzjon tar-radju billi jagħżel perjodi ta' ħin liberi billi jagħti każ l-użu fil-futur ta' perjodi ta' ħin minn stazzjonijiet oħra. M'hemmx bżonn ta' intelliġenza ċentrali li tikkontrolla l-perjodi ta' ħin assenjati.

Stazzjon tal-AIS Interna ġeneralment jikkonsisti mill-komponenti li ġejjin:

(h) transceiver VHF (trasmettitur wieħed/żewġ riċevituri);

▼C1

(i) riċevitur GNSS;

(j) proċessur tad-dejta.

L-AIS universali li jinġarr fuq il-vapur, kif definit mill-IMO, l-ITU u l-IEC, u rakkomandat għall-użu fin-navigazzjoni interna juża aċċess multiplu bid-diviżjoni tal-ħin u li jorganizza lilu nnifsu (SOTDMA) fil-frekwenza marittima mobbli VHF. L-AIS jopera fuq il-frekwenzi VHF AIS 1 (161,975 MHz) u AIS 2 (162,025 MHz) stabbiliti internazzjonalment, u jista' jiġi maqlub għal fuq frekwenzi oħra fil-frekwenza marittima mobbli VHF.

Sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti tan-navigazzjoni interna, l-AIS għandha tkun żviluppata iżjed għal dik li hi msejjħa l-AIS Interna filwaqt li tkun ippriżervata l-kompatibbilità mal-AIS marittima tal-IMO.

Is-sistemi tal-monitoraġġ u l-lokalizzazzjoni tal-bastimenti fin-navigazzjoni interna għandhom ikunu kompatibbli mal-AIS marittima, kif definita mill-IMO. Għalhekk il-messaġġi tal-AIS għandhom jinkludu:

(k) Informazzjoni statika, bħan-numru uffiċjali tal-vapur, is-sinjal tassejħa tal-bastiment, l-isem tal-bastiment, it-tip ta' bastiment;

(l) Informazzjoni dinamika, bħal pożizzjoni tal-bastiment b'indikazzjoni tal-preċiżjoni u l-istatus ta' integrità.

(m) Informazzjoni dwar il-vjaġġ, bħall-kumbinazzjoni tat-tul u l-wisa' tal-bastiment, merkanzija perikoluża abbord;

(n) Informazzjoni speċifika għan-navigazzjoni interna, eż. l-għadd ta' koni blu/dwal skont l-ADN/ADNR jew il-ħin tal-wasla stmat (ETA) fil-magħluq/pont/terminal/fruntiera.

▼M1

Għall-bastimenti li jkunu mexjin ir-rata ta' aġġornament tal-informazzjoni dinamika fuq livell tattiku tista' tkun maqluba bejn il-modalità SOLAS u l-modalità tal-passaġġi fuq l-ilma interni. Fil-modalità tal-passaġġi fuq l-ilma interni dan jista' jiżdied sa żewġ sekondi. Għal bastimenti ankrati huwa rrakkomandat li jkun hemm rata ta' aġġornament ta' ftit minuti, jew fil-każ li l-informazzjoni tiġi emendata.

▼C1

L-AIS hija sors adizzjonali ta' informazzjoni dwar in-navigazzjoni. L-AIS ma tissostitwix iżda tappoġġja s-servizzi tan-navigazzjoni bħall-monitoraġġ tal-miri bir-radar u l-VTS. Is-saħħa tal-AIS hija bħala mezz ta' monitoraġġ u lokalizzazzjoni ta' bastimenti li huma mgħammra biha. Minħabba l-karatteristiċi differenti tagħhom, l-AIS u r-radar jikkumplimentaw lil xulxin.

2.3. **Rekwiżiti funzjonali**

2.3.1. *Rekwiżiti ġenerali għall-AIS interni*

L-AIS hija bbażżata fuq l-AIS marittima skont ir-regolament SOLAS tal-IMO.

L-AIS Interna għandha tkopri il-funzjonalità primarja tal-AIS SOLAS tal-IMO filwaqt li tikkunsidra r-rekwiżiti speċifiċi tan-navigazzjoni interna.

L-AIS interna għandha tkun kompatibbli mall-AIS SOLAS tal-IMO u għandha tippermetti l-iskambu ta' dejta dirett bejn il-bastimenti li jbaħħru u dawk li jinnavigaw internament f'żona bi traffiku varjat.

▼C1

Ir-rekwiżiti li ġejjin huma rekwiżiti kumplimentari jew adizzjonali għall-AIS Interna, li hija differenti mill-AIS SOLAS tal-IMO.

▼M1

It-tfassil tal-AIS Interna għandu jqis il-linji gwida tekniċi dwar l-AIS Interna kif ġiet imħejjija mill-grupp ta' esperti fuq monitoraġġ u lokalizzazzjoni ta' bastimenti ([1]).

▼C1

2.3.2. *Il-kontenut tal-tal-informazzjoni*

Ġeneralment hija biss l-informazzjoni dwar il-monitoraġġ, il-lokalizzazzjoni u s-sikurezza li għandha tkun trażmessa permezz tal-AIS Interna. Meta jittieħed kont ta' din il-ħtieġa, il-messaġġi tal-AIS Interna għandhom l-informazzjoni li ġejja:

L-oġġetti li huma mmarkati b"*" għandhom jkunu ttrattati b'mod differenti fil-każ ta' vapuri li jbaħħru fil-baħar.

2.3.2.1. Informazzjoni statika dwar il-vapur

L-informazzjoni statika dwar il-vapur għall-bastimenti interni għandha jkollha l-istess parametri u l-istess struttura bħall-AIS tal-IMO sakemm tkun applikabbli. L-oqsma ta' parametri li ma jintużawx għandhom jiġu ssettjati bħala "mhux disponibbli"

Għandha tkun miżjuda informazzjoni statika speċifika interna dwar il-vapur.

L-informazzjoni statika dwar il-vapur hija mxandra b'mod awtonomu minn fuq il-vapur jew meta mitluba.

Identifikatur tal-utent (MMSI)	(Standard AIS tal-IMO)
L-isem tal-vapur	(Standard AIS tal-IMO)
Is-sinjal tas-sejħa	(Standard AIS tal-IMO)
In-numru tal-IMO *	(Standard IMO AIS/mhux disponibbli għal-vapuri Interni)
It-tip ta' vapur u merkanzija *	(Standard IMO AIS/emendat għall-AIS Interna)
It-tul totali (preċiż sad-decimetri)*	(Standard IMO AIS/emendat għall-AIS Interna)
Il-wisa' totali (preċiż sad-decimetri) *	(Standard IMO AIS/emendat għall-AIS Interna)
In-numru uniku ta' identifikazzjoni għall-bastimenti Ewropej (ENI)	(estensjoni tal-AIS Interna)
It-tip ta' bastiment u konvoj (ERI)	(estensjoni tal-AIS Interna)
_____	

▼M1

([1]) VTT-secretariat@risexpertgroups.org

▼C1

2.3.2.2. Informazzjoni dinamika dwar il-vapuri

L-informazzjoni dinamika dwar il-vapur għall-bastimenti interni għandha jkollha l-istess parametri u l-istess struttura bħal fl-AIS tal-IMO sa fejn huwa applikabbli. Dawk l-oqsma tal-parametri li m'humiex użati għandhom jiġu ssettjati bħala "mhux disponibbli".

Għandha tkun miżjuda informazzjon speċifika interna dinamika dwar il-vapuri.

L-informazzjoni dwar il-vapuri dinamika tixxandar awtonomament mill-vapur jew fuq talba

Pożizzjoni (WGS 84)	(Standard AIS tal-IMO)
Veloċità SOG (informazzjoni dwar il-kwalità) *	(Standard AIS tal-IMO)
Rotta COG (informazzjoni dwar il-kwalità) *	(Standard AIS tal-IMO)
Direzzjoni HDG (informazzjoni dwar il-kwalità) *	(Standard AIS tal-IMO)
Ir-rata tad-dawrien ROT	(Standard AIS tal-IMO)
Il-preċiżjoni tal-pożizzjoni (GNSS/DGNSS)	(Standard AIS tal-IMO)
Il-ħin li jieħu t-tagħmir biex isib il-pożizzjoni	(Standard AIS tal-IMO)
L-istatus tan-navigazzjoni	(Standard AIS tal-IMO)
Is-sinjal il-blu mtella'	(L-estensjoni tal-AIS interna/partijiet reġjonali fl-Istandard AIS tal-IMO)
Il-kwalità tal-informazzjoni dwar il-veloċità	(L-estensjoni AIS interna/miksuba minn senser tal-vapur jew GNSS)
Il-kwalità tal-informazzjoni dwar ir-rotta	(L-estensjoni AIS interna/miksuba minn senser tal-vapur jew GNSS)
Il-kwalità tal-informazzjoni dwar id-direzzjoni	(L-estensjoni AIS interna/miksuba minn senser tal-vapur jew GNSS)

2.3.2.3. Iinformazzjoni dwar il-vjaġġ tal-vapur

L-informazzjoni dwar il-vjaġġ tal-vapur għall-bastimenti interni għandha jkollha l-istess parametri u l-istess strutturi bħall-AIS tal-IMO sakemm tkun applikabbli. Oqsma ta' parametri mhux użati għandhom ikunu ssettjati bħala "mhux disponibbli".

Għandha tkun miżjuda informazzjon dwar il-vapur speċifika interna.

L-informazzjoni dwar il-vapuri marbuta mal-vjaġġ tixxandar awtonomament mill-vapur jew fuq talba

▼C1

Destinazzjoni (kodiċi tal-pożizzjoni ERI)	(Standard AIS tal-IMO)
Kategorija ta' merkanzija perikoluża	(Standard AIS tal-IMO)
▼M1 _____	
▼C1 ETA	(Standard AIS tal-IMO)
Fundar statiku massimu preżenti *	(Standard AIS tal-IMO/emmendat għall-AIS Interna)
Klassifikazzjoni bħala merkanzija perikoluża	(Estensjoni tal-AIS Interna)
▼M1 Bastiment mgħobbi/li nħatt	(Estensjoni tal-AIS Interna)

▼C1

2.3.2.4. Informazzjoni dwar il-ġestjoni tat-traffiku

L-iformazzjoni dwar il-ġestjoni tat-traffiku hija għal użu speċifiku finnavigazzjoni interna. Din l-informazzjoni tiġi trażmessa meta meħtieġa jew meta mitluba lill/minn bastimenti interni biss.

L-ETA f'magħluq/pont/terminal

L-informazzjoni dwar l-ETA f'magħluq/pont/terminal hija trażmessa bħala messaġġ indirizzat mill-vapur għall-art.

L-ID tal-magħluq/pont/terminal (UN/LOCODE)	(Estensjoni tal-AIS Interna)
L-ETA fil-magħluq/fuq il-pont/fuq it-terminal	(Estensjoni tal-AIS Interna)
L-għadd ta' laneċ tal-irmonk li jassistu	(Estensjoni tal-AIS Interna)
▼M1 Il-pixka massima statika attwali sal-għola punt tal-bastiment	(Estensjoni tal-AIS Interna)

▼C1

L-RTA f'magħluq/pont/terminal

L-informazzjoni RTA f'magħluq/pont/terminal hija trażmessa bħala messaġġ indirizzat mill-art għall-vapur.

L-ID tal-magħluq/pont/terminal (UN/LOCODE)	(Estensjoni tal-AIS Interna)
L-RTA f'magħluq/pont/terminal	(Estensjoni tal-AIS Interna)

▼C1

L-għadd ta' persuni abbord

L-għadd ta' persuni abbord ikun preferibbilment trasmess bħala messaġġ indirizzat mill-vapur għall-art meta mitlub jew fil-waqt.

In-numru totali ta' persuni abbord	(Standard AIS tal-IMO)
L-għadd ta' membri tal-ekwipaġġ abbord	(Estensjoni tal-AIS Interna)
L-għadd ta' passiġġieri abbord	(Estensjoni tal-AIS Interna)
L-għadd ta' personal tal-vapur abbord	(Estensjoni tal-AIS Interna)

L-istatus tas-sinjal

L-informazzjoni dwar l-istatus tas-sinjal hija trażmessa bħala messaġġ imxandar mill-art għall-vapur

Il-pożizzjoni tas-sinjal (WGS84)	(Estensjoni tal-AIS Interna)
Il-forma tas-sinjal	(Estensjoni tal-AIS Interna)
L-istatus tad-dawl	(Estensjoni tal-AIS Interna)

Twissijiet tal-EMMA

L-informazzjoni dwar it-twissijiet tal-EMMA hija trażmessa bħala messaġġ imxandar mill-art għall-vapur

Twissijiet fuq it-temp lokali	(Estensjoni tal-AIS Interna)

Il-livelli tal-ilma

L-informazzjoni dwar il-livelli tal-ilma hija trażmessa bħala messaġġ imxandar mill-art għall-vapur

L-informazzjoni dwar il-livell tal-ilma lokali	(Estensjoni tal-AIS Interna)

Messaġġi dwar is-sikurezza

Il-messaġġi dwar is-sikurezza jiġu trażmessi meta meħtieġa bħala messaġġi mxandra jew indirizzati.

2.3.3. *L-intervall tar-rapportaġġ tat-trażmissjoni tal-informazzjoni*

It-tipi differenti ta' informazzjoni tal-AIS Interna għandhom ikunu trażmessi b'rati ta' rapportaġġ differenti.

▼M1

Għal bastimenti mexjin fiż-żoni tal-passaġġi fuq l-ilma interni r-rata ta' rappurtar għall-informazzjoni dinamika tista' tinqaleb bejn il-modalità SOLAS u l-modalità tal-passaġġi fuq l-ilma interni. Fil-modalità tal-passaġġi fuq l-ilma interni dan jista' jiżdied sa żewġ sekondi. Fiż-żoni b'traffiku mħallat bħall-portijiet tal-baħar għandu jkun possibbli li r-rata ta' rappurtar għall-informazzjoni dinamika titnaqqas mill-awtorità kompetenti biex jiġi żgurat bilanċ fil-frekwenza tar-rappurtar bejn il-bastimenti fuq l-ilmijiet interni u l-bastimenti SOLAS fil-metodu tagħhom ta' rappurtar. Il-frekwenza tar-rappurtar għandha tkun tista' tinqaleb b'kontrolli TDMA minn stazzjon bażi (qlib awtomatiku mit-telekmand TDMA permezz tal-messaġġ 23) u b'kmandi minn sistemi li jinsabu fuq il-vapur, pereżempju l-MKD, l-ECDIS jew il-kompjuter abbord, permezz tal-interfaċċja, pereżempju l-IEC 61162 (qlib awtomatiku bil-kmand ta' sistema li tinsab abbord). Għal informazzjoni statika u relatata mal-vjaġġ huwa rrakkomandat li jkun hemm rata ta' rapportar ta' bosta minuti, jekk din tintalab, jew jekk l-informazzjoni tkun emendata.

▼C1

Ir-rati ta' rapportaġġ li ġejjin huma applikabbli:

Informazzjoni statika dwar il-vapuri	Kull sitt minuti jew meta d-dejta tkun emendata jew meta tintalab
Informazzjoni dinamika dwar il-vapuri	Jiddependi mill-istatus ta' navigazzjoni u l-modalità tal-operazzjoni tal-vapur, jew il-modalità tal-passaġġi navigabbli interni jew il-modalità SOLAS (assenjata), ara t-Tabella 2.1
Informazzjoni dwar il-vapur marbuta mal-vjaġġ	Kull sitt minuti, meta d-data tiġi emendata jew meta tintalab
Informazzjoni dwar il-ġestjoni tat-traffiku	Skont il-bżonn (għandha tkun definita mill-awtorità kompetenti)
Messaġġi dwar is-sikurezza	Skont il-bżonn

Tabella 2.1

Ir-rata ta' aġġornament tal-informazzjoni dinamika dwar il-vapuri

Il-kondizzjonijiet dinamiċi tal-vapuri	Intervall għar-rapportaġġ nominali
Status tal-vapur "ankrat" u mhux miexi b'iktar minn tliet nodi	Tliet minuti ([1])
Status tal-vapur "ankrat" u u mhux miexi b'iktar minn tliet nodi	10 sekondi ([1])
Vapur li qed jopera bil-modalità SOLAS, miexi b'veloċità minn 0 sa 14-il nod	10 sekondi ([1])
Vapur li qed jopera bil-modalità SOLAS, miexi b'veloċità minn 0 sa 14-il nod u jbiddel il-rotta	3 1/3 secondi ([1])
Vapur li qed jopera bil-modalità SOLAS, miexi b'veloċità minn 14 sa 23 nod	Sitt secondi ([1])
Vapur li qed jopera bil-modalità SOLAS, miexi b'veloċità minn 14 sa 23 nod u jbiddel il-rotta	Żewġ secondi
Vapur li qed jopera bil-modalità SOLAS, miexi b'veloċità ta' aktar minn 23 nod	Żewġ secondi
Vapur li qed jopera bil-modalità SOLAS, miexi b'veloċità ta' aktar minn 23 nod u jbiddel il-rotta	Żewġ secondi

▼M1

Vapur li qed jopera bil-modalità tal-passaġġi fuq l-ilma interni, li miexi ([2])	assenjat bejn żewġ sekondi u għaxar sekondi

▼C1

([1]) Meta stazzjoni mobbli jiddetermina li huwa s-semaforu (irreferi għall-ITU-R M.1371-1, l-Anness 2, § 3.1.1.4), ir-rata ta' rapportaġġ għandha tiżdied għal darba kull żewġ sekondi (irreferi għall-ITU-R M.1371-1, l-Anness 2, § 3.1.3.3.2).

([2]) Għandu jinqaleb mill-awtorità kompetenti bl-użu tal-messaġġ 23, meta l-vapur jidħol fiż-żona tal-passaġġi navigabbli interni.

▼M1

Nota: Stazzjon mobbli tal-AIS Interna jopera jew fil-modalità tal-passaġġi tal-ilma interni (assenjazzjoni ta' grupp bil-messaġġ 23) jew fil-modalità SOLAS (modalità awtonoma, l-ebda assenjazzjoni attiva ta' grupp).

▼C1

2.3.4. *Il-pjattaforma teknoloġika*

▼M1

Is-soluzzjoni teknika tal-AIS Interna hija bbażata fuq l-istess standards tekniċi bħall-IMO SOLAS AIS (Rec. ITU-R M.1371, IEC 61993).

▼C1

L-użu ta' derivati tal-istazzjonijiet mobbli tal-Klassi A jew tad-derivati tal-istazzjonijiet mobbli tal-Klassi B "SO" li jużaw it-tekniċi SOTDMA huma rakkommandati bħala pjattaforma għall-AIS Interna. L-użu tas-"CS" tal-Klassi B bl-użu tat-tekniċi CSTDMA mhux possibbli, minħabba li ma jiggarantix l-istess prestazzjoni tat-tagħmir "SO" tal-Klassi A jew tal-Klassi B. Lanqas ma tista'tingħata trażmissjoni b'suċċess għar-radio links u lanqas ma tipprovdi il-kapaċità li tibgħat il-messaġġi speċifiċi tal-AIS Interna definiti f'din l-ispeċifikazzjoni teknika.

Sakemm l-ebda tagħmir "SO" tal-Klassi B ma jkun disponibbli, it-tagħmir AIS Interna Mobbli huwa derivat tat-taħmir AIS Interna Mobbli tal-Klassi A skont ir-regolament SOLAS tal-IMO.

▼M1

2.3.5 *Il-kompatibbiltà mat-transponders tal-Klassi A tal-IMO*

It-transponders tal-AIS Interna għandhom ikunu konformi mat-transponders tal-Klassi A tal-IMO u għandhom għalhekk ikunu kapaċi jirċievu u jipproċessaw il-messaġġi kollha tal-AIS tal-IMO (skont il-kjarifiki tekniċi ITU-R M.1371 u IALA fuq ITU-R M.1371) kif ukoll il-messaġġi ddefiniti fil-Kapitolu 2.4 ta' dawn l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

Il-kapaċità tat-trażmissjoni (tx) tad-DSC u l-provvista ta' MKD mhumiex meħtieġa għat-transponders tal-AIS Interna, iżda l-funzjonalità MKD kif ukoll il-funzjonalità għall-ġestjoni tal-kanal DSC huma meħtieġa. Il-manifatturi jistgħu jneħħu l-hardwer u s-softwer rispettivi mit-transponders tal-Klassi A.

▼C1

2.3.6. *Identifikatur uniku*

Sabiex tkun garantita l-kompattibbiltà ma' bastimenti marittimi, in-numru ta' Identità tas-tas-Servizz Mobbli Marittimu (MMSI) għandu jkun użat bħala identikatur tal-istazzjon uniku (identifikatur ta' tagħmir tar-radju) għat-transponders tal-AIS Interna.

2.3.7. *Identifikatur tal-applikazzjoni għall-messaġġi tal-applikazzjoni tal-AIS Interna*

Sabiex tinqeda l-ħtieġa ta' informazzjoni għan-navigazzjoni interna jintużaw messaġġi tal-applikazzjoni speċifiċi.

Il-messaggi tal-applikazzjoni speċifiċi jikkonsistu fil-qafas tal-AIS Standard (il-messaġġ ID, indikatur ripetut, l-ID sors, l-ID tad-destinazzjoni), l-Identifikatur tal-Applikazzjoni (AI = DAC + FI) Il-kontenut tad-dejta (tul varjabbli sa' massimu definit).

L-identifikatur tal-applikazzjoni b'16-il bit (AI = DAC + FI) jikkonsisti fi

Kodiċi taż-żona indikat 10-bit (DAC): internazzjonali (DAC = 1) jew reġjonali (DAC > 1)

▼C1

Identifikatur funzjonali b'6 bits (FI) — jippermetti 64 messaġġi speċifiċi b'applikazzjoni unika.

Għall-messaġġi speċifiċi tal-applikazzjoni tal-AIS Interna ikun użat id-DAC "200".

2.3.8. *Ir-rekwiżiti tal-applikazzjoni*

Huwa neċessarju li jiddaħħlu u li jkunu esebiti il-messaġġi tal-AIS Interna (ikkodifikati bil-binary). Dan għandu jkun ġestit permezz ta' applikazzjoni (preferibbilment b'GUI li kapaċi tinterfaċċja mat-transponder tal-AIS) fl-Interfejs tal-Preżentazzjoni (PI), jew fit-transponder stess. Il-konverżjonjiet ta' dejta possibbli (eż. nodi f' km/h) jew informazzjoni li tikkonċerna il-kodiċi ERI kollha (il-pożizzjoni, it-tip ta' vapur) għandhom ikunu ġestiti hemmhekk.

Barra minn hekk it-transponder jew l-applikazzjoni relevanti għandha tkunu kapaċi li taħżen id-dejta statika interna speċifika fil-memorja interna, sabiex iżżommu l-informazzjoni meta t-tagħmir ma jkollux provvista ta' elettriku.

Sabiex id-dejta interna speċifika fit-transponder is-sentenzi tad-dħul elenkati fl-Appendiċi D: Huma proposti Sentenzi tal-interfejs diġitali proposti għall-AIS Interna

It-tagħmir tal-AIS Interna għandu jipprovdi bħala interfejs minimu RTCM SC 104 estern għad-dħul tal-korrezzjoni DGNSS u informazzjoni dwar l-integrità.

▼M1

2.3.9. *Approvazzjoni tat-tip*

It-tagħmir tal-AIS Interna għandu jkun ta' tip approvat għall-konformità ma' dawn l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

▼C1

2.4. **Emendi għall-Protokoll għall-AIS Interna**

▼M1

2.4.1 *Messaġġ 1, 2, 3: rapporti dwar il-pożizzjoni (ITU-R 1371)*

▼C1

Tabella 2.2

Rapport dwar il-pożizzjoni

Parametru	Numru ta' bits	Deskrizzjoni
ID tal-messaġġ	6	Identifikatur għal dan il-messaġġ 1, 2 jew 3
Indikatur tar-ripetizzjoni	2	Użat mir-repetitur biex jindika kemm-il darba ġie ripetut messaġġ. Assenjat = 0; 3 = tirrepetix iżjed
ID tal-utent (MMSI)	30	In-numru MMSI
Status tan-navigazzjoni	4	0 = l- ibaħħar bl-użu tal-magna; 1 = ankrat; 2 = mhux taħt kmand; 3 = manuvrabbiltà ristretta; 4 = mxekkla mill-fundar tagħha; 5 = irmiġġjata; 6 = fuq l-art; 7 = qed tistad; 8 = ibaħħar bil-qlugħ;
		9 = riżervat għall-bidla fil-futur tal-Istatus tan-Navigazzjoni għall-HSC; 10 = riżervat għall-bidla fil-futur tal-Istatus tan-Navigazzjoni għall-WIG; 11-14 = riżervat għall-użu fil-futur; 15 = mhux definit = assenjat

▼C1

Parametru	Numru ta' bits	Deskrizzjoni
Ir-rata ta' dawrien ROTAIS	8	±127 (–128 (80 hex) jindika li mhux disponibbli, liem ser ikun assenjat) Ikkodifikat mir-ROTAIS = 4,733 SQRT(ROTINDICATED) gradi/minn $ROT_{INDICATED}$ hija r-rata ta' dawrien (720º kull minuta), kif indikat minn senser estern
		+127 = iddur lejn il-lemin bi 720º kull minuta jew iktar; –127 = iddur lejn ix-xellug bi 720º kull minuta jew iktar,
Veloċità fuq l-art	10	Il-veloċità fuq l-art fi 1/10 nodi passi (0-102,2 nodi) 1 023 = mhux disponibbli; 1 022 = 102,2 nodi jew iktar ([1])
Preċiżjoni tal-pożizzjoni	1	1 = għoli (< 10 m; Modalità differenzjali ta' e.g. riċevitur DGNSS) 0 = baxx (> 10 m; Modalità awtonoma ta' e.g. GNSS riċevitur jew Tagħmir ieħor għall-Iffissar tal-Pożizzjoni b'mod Elettroniku); assenjata = 0
Longitudni	28	Il-longitudni fi'1/10 000 min (± 180º, l-Lvant = pożittiv, l-Punent = negattiv. 181º (6791AC0 hex) = mhux disponibbli = assenjata)
Latitudni	27	Il-latitudni fil-1/10 000 min (± 90º, it-Tramuntana = pożittiv, in-Nofsinhar = negattiv, 91º (3412140 hex) = mhux disponibbli = assenjata)
Rotta fuq l-art	12	Ir-rotta fuq l-art f'1/10º (0-3599). 3 600 (E10 hex) = mhux disponibbli = assenjata; 3 601–4 095 mhux ser ikun użat
Direzzjoni reali	9	Gradi (0-359) (511 jindika li mhux disponibbli = assenjata).
Timbru tal-ħin	6	Is-sekonda tal-UTC ta' meta kien iġġenerat ir-rapport (0-59, jew 60 jekk it-timbbru tal-ħin mhux disponibbli, li ser ukoll ikun il-valur assenjat, jew 62 jekk is-Sistema tal-Iffissar tal-Pożizzjoni b'mod Elettroniku topera fil-modalità stmat (navigazzjoni fuq stima) jew 61 jekk is-sistema tal-ippożizzjonar tinsab fuq il-modalità bu dħul manwali jew 63 jekk is-sistema tal-ippożizzjonar mhix operattiva)
Sinjal blu	2	Indikazzjoni jekk is-sinjal il-blu huwa ssettjat 0 = mhux disponibbli = assenjat, 1 = le 2 = iva, 3 = mhux użat ([2])
Bits reġjonali	2	Għandha tiġi definita mill-awtorità reġjonali kompetenti. Għandha tkun issettjata fuq iz-żero jekk mhux użat għall-ebda applikazzjoni reġjonali. L-applikazzjonijiet reġjonali m'għandhomx jużaw iż-żero.
Riserva	1	Mhux użata. Għandha tkun issettjata fuq iz-żero. Riżervata għall-użu fil-futur.
Bandiera RAIM	1	RAIM (monitoraġġ integru awtonomu tar-riċevitur) bandiera tat-tagħmir tal-iffissar tal-pożizzjoni elettroniku; 0 = RAIM mhux użat = assenjat; 1 = RAIM assenjat)

▼M1

L-istat tal-Komunikazzjoni	19	Ara ITU-R M.1371

▼C1

Parametru	Numru ta' bits	Deskrizzjoni
	168	Jokkupa perjodu ta' ħin wieħed

([1]) In-nodi għandhom ikunu kkalkulati f'km/h minn tagħmir estern abbord.
([2]) Għandu jkun evalwat biss jekk ir-rapport ġej minn bastiment intern u jekk l-informazzjoni hija miksuba b'mezzi awtomatiċi. (konnessjoni diretta mas-swiċċ).

▼M1

2.4.2. *Messaġġ 5: dejta statika dwar il-vapur u dwar il-vjaġġ (ITU-R 1371)*

▼C1

Tabella 2.3

Rapport dwar id-dejta statika u dinamika tal-vapur

Parametru	Numru ta' bits	Deskrizzjoni
ID tal-messaġġ	6	L-identifikatur għal dan il-messaġġ 5
Indikatur tar-ripetizzjoni	2	Użat mir-repetitur sabiex jindika kemm-il darba ġie ripetut messaġġ Assenjat = 0; 3 = tirrepetix iżjed
ID tal-utent(MMSI)	30	Numru MMSI
Indikatur tal-verżjoni AIS	2	0 = Stazzjon konformi mal-Edizzjoni AIS 0; 1-3 = Stazzjon konformi mal-Edizzjonijiet AIS futuri 1, 2, u 3
Numru IMO	30	1–999999999; 0 = mhux disponibbli = assenjat ([1])
Sinjal tas-sejħa	42	7 × 6 bit karattri ASCII, "@@@@@@@" = mhux disponibbli = assenjat ([2])
Isem	120	B'massimu ta' 20 karattru 6 bit ASCII, @@@@@@@@@@@@@@@@@@@@ = mhux disponibbli = assenjat
It-tip ta' vapur u merkanzija	8	0 = mhux disponibbli jew ebda vapur = assenjat; 1-99 = kif definit fi § 3.3.8.2.3.2; 100-199 = ippreżervat, għal użu reġjonali; 200-255 = ippreżervat, ġħal użu fil-futur ([3])
Dimensjonijiet tal-vapur/konvoj	30	Punt ta' refernza għall-pożizzjoni rrappurtata; Tindika wkoll id-dimensjoni tal-vapur f'metri (ara l-Fig. 18 u § 3.3.8.2.3.3) ([4]), ([5]), ([6])
It-tip ta' tagħmir biex tkun stabbilita il-pożizzjoni b'mod elettroniku	4	0 = Mhux definit (assenjat), 1 = GPS, 2 = GLONASS, 3 = GPS/GLONASS ikkombinat 4 = Loran-C, 5 = Chayka, 6 = Sistema tan-Navigazzjoni Integrata, 7 = skandaljat, 8-15 = mhux użat
ETA	20	Ħin tal-wasla stmat; MMDDHHMM UTC Bits 19-16: xahar; 1-12; 0 = mhux disponibbli = assenjat; Bits 15-11: jum; 1-31; 0 = mhux disponibbli = Assenjat; Bits 10-6: siegħa; 0-23; 24 = mhux disponibbli = assenjat; Bits 5-0: minuta 0-59; 60 = mhux disponibbli = assenjat
Fundar statiku massimu preżenti	8	F' 1/10 m, 255 = fundar 25,5 m jew akbar, 0 = mhux disponibbli = assenjat ([5])

▼C1

Parametru	Numru ta' bits	Deskrizzjoni
Destinazzjoni	120	Massimu ta' 20 karattru bl-uża ta' ASCII 6-bit; @@@@@@@@@@@@@@@@@@@@ = mhux disponibbli ([7])
DTE	1	Ippreparat għad-dejta tat-terminal (0 = disponibbli, 1 = mhux disponibbli = assenjat)
Riserva	1	Riserva. Mhux użat. Għandu jkun issettjat fuq 0. Riżervat għall-użu fil-futur
	424	Jokkupa żewġ perjodi ta' ħin

([1]) Għanu jkun iffissat 0 għall-bastimenti interni.
([2]) Il-kodiċi ATIS għandu jintuża għall-bastimenti interni.
([3]) It-tip ta' vapur li huwa l-aktar addattat għandu jintuża għan-navigazzjoni interna.
([4]) Id-dimensjonijiet għandhom ikunu iffissati għall-qies massimu rettangolari tal-konvoj.
([5]) Il-preċizjoni b'deċimetri tal-informazzjoni interna għandha tkun aġġustata għaċ-ċifra li jmiss.
([6]) L-informazzjoni tal-punt ta' referenza għandha tkun meħuda mir-rekord SSD NMEA bid-distinzjoni tal-qasam "l-identifikatur tas-sors". L-informazzjoni dwar il-punt ta' referenza tal-pożizzjoni bl-identifikatur tas-sors AI, għandha tkun maħżuna bħala waħda interna. Identifikaturi oħra tas-sors iwasslu għall-informazzjoni ta' punt ta' referenza għall-punt ta' referenza estern.
([7]) Għandhom ikunu użati il-kodiċi tal-pożizzjoni tal-UN u l-kodiċi tat-terminal tal-ERI.

▼M1

2.4.3. *Il-messaġġ 23, kmand għal assenjament lil grupp (ITU-R M.1371)*

Il-Kmand għal Assenjament lil Grupp jiġi trażmess minn stazzjon bażi meta dan ikun qed jopera bħala entità ta' kontroll. Il-messaġġ għandu jiġi applikat lil stazzjon mobbli ġewwa r-reġjun definit u kif jiġi magħżul skont it-"Tip ta' Bastiment u Merkanzija" jew skont it-"Tip ta' Stazzjon". L-istazzjoni li jirċievi għandu jara ż-żoni kollha tas-settur fl-istess ħin. Għandu jikkontrolla l-parametri ta' operazzjoni ta' stazzjon mobbli li ġejjin: il-modalità tat-trażmissjoni/tal-wasla; l-intervall tar-rapportaġġ; u t-tul ta' ħin kwiet.

▼C1

Tabella 2.4

Kmand ta' assenjament fi grupp

Parametru	Numru ta' bits	Deskrizzjoni
ID tal-messaġġ	6	Identifikatur għall-messaġġ 23; dejjem 23
Indikatur repetut	2	Użat mir-repetitur biex jindika kemm-il darba messaġġ ġie repetut 0-3; assenjat = 0; 3 = tirrepetix iktar
ID tas-sors	30	MMSI tal-istazzjoni li tassenja.
Riserva	2	Riserva. Għandha tkun iffissata fuq 0
Longitudni 1	18	Il-longitudni taż-żona li għaliġha japplika l-assenjament fi grupp; ir-rokna ta' fuq tal-lemin(grigal); f' 1/10 min (± 180º, il-Lvant = pożittiv, Il-Punent = Negattiv).
Latitudni 1	17	Il-latitudni tal-żona li għaliġha japplika l-assenjament tal-grupp; ir-rokna ta' fuq tal-lemin(grigal); f' 1/10 min (± 90º, it-Tramuntana = pożittiv, in-Nofsinhar = negattiv).

▼C1

Parametru	Numru ta' bits	Deskrizzjoni
Longitudni 2	18	Il-longitudni tal-żona li għaliha japplika l-assenjament fi grupp; Ir-rokna t'isfel tax-xellug (il-Lbiċ); f' 1/10 min (± 180º, il-Lvant = pożittiv, il-Punent = negattiv).
Il-latidudni 2	17	Il-latitudni tal-żona li għaligħa japplika l-assenjament tal-grupp; ir-rokna ta' fuq tal-lemin(il-Lbiċ); f' 1/10 min (± 90º, it-Tramuntana = pożittiv, in-Nofsinhar = negattiv).
▼M1 It-tip ta' stazzjon	4	0 = kull tip ta' tagħmir mobbli (default); 1 = l-istazzjon mobbli tal-Klassi A biss; 2 = it-tipi kollha ta' stazzjonijiet mobbli tal-Klassi B; 3 = l-istazzjon mobbli fl-ajru SAR (għat-tiftix u salvataġġ); 4 = l-istazzjonijiet mobbli "SO" tal-Klassi B biss; 5 = l-istazzjon mobbli tal-Klassi "BCS" abbord il-vapur (IEC62287 biss); 6= passaġġi fuq l-ilma interni 7 sa 9= użu reġjonali u 10 sa 15 = għall-użu fil-futur
It-tip ta' vapur u t-tip ta' merkanzija	8	0= it-tipi kollha (default) 1...99 ara t-Tabella 50, l-Anness 8 tal-ITU-R M.1371-3 100…199 riservati għal użu reġjonali 200…255 riservati għal użu reġjonali
▼C1 Riserva	22	Riżervati għall-użu fil-futur. M'humiex użati. Ser ikunu ssetjati fuq iz-0.
Il-modalità Tx/Rx	2	Dan il-parametru jikkmanda l-istazzjonijiet rispettivi għall-waħda mill-modalitajiet li se ġejjin: 0 = TxA/TxB, RxA/RxB (assenjat); 1 = TxA, RxA/RxB, 2 = z-TxB, RxA/RxB, 3 = riżervata għall-użu fil-futur
Intervall tar-rapportaġġ	4	Dan il-parametru jikkmanda l-istazzjonijiet rispettivi għall-intervall tar-rapportaġġ mogħti fit-Tabella 2.5 hawn taħt
Ħin kwiet	4	0 = assenjat = ebda ħin ta' kwiet m'hu mitlub; 1-15 = ħin kwiet ta' 1 sa 15-il min.
Riżerva	6	Riżerva. Mhux użat. Ser ikun issettjat fuq 0. Rrizervat għall-uzu fil-futur
Total	160	Jokkupa perjodu ta' żmien wieħed

Tabella 2.5

Settings tal-intervalli tar-rapportaġġ għall-użu mal-messaġġ 23

Issettjar tal-kamp tal-intervall tar-rapportaġġ	Intervall tar-rapportaġġ għall-messaġġ 18
0	Kif mogħti mill-modalità awtonoma
1	10 minuti
2	Sitt minuti
3	Tliet minuti
4	Minuta waħda

▼C1

Issettjar tal-kamp tal-intervall tar-rapportaġġ	Intervall tar-rapportaġġ għall-messaġġ 18
5	30 sekonda
6	15 sekonda
7	10 sekondi
8	Ħames sekondi
▼M1 9	L-intervall tar-rapportaġġ iqsar li jmiss
10	L-intervall tar-rapportaġġ itwal li jmiss
11	2 sekondi (ma japplikax għall-Klassi B "CS")
▼C1 12 to 15	Riżervat għall-użu fil-futur

▼M1

Nota: Meta trażmissjoni fuq żewġ kanali tiġi sospiża mill-kmand tal-modalità Tx/Rx 1 jew 2, l-intervall tar-rapportaġġ meħtieġ għandu jinżamm permezz tal-kanal tat-trażmissjoni li jibqa'.

2.4.4. *L-applikazzjoni ta' messaġġi speċifiċi (ITU-R 1371)*

▼C1

Għall-iskambju tad-dejta neċessarja fin-navigazzjoni interna huma definiti messaġġi speċifiċi għall-applikazzjoni tal-AIS Interna.

L-identifikaturi tal-applikazzjoni reġjonali (RAI) tal-applikazzjoni tal-AIS Interna jikkonsistu fid-DAC "200" identifikatur tal-funzjoni (FI) kif definit f'din is-sezzjoni.

2.4.4.1. L-allokazzjoni tal-tal-identifkaturi tal-funzjoni (FI) fil-fergħa tal-AIS Interna

►M1 L-FIs fi ħdan il-fergħa tal-AIS Interna għandhom jiġu allokati u użati skont kif deskritt fl-ITU-R M.1371. ◄ Kull FI fil-fergħa interni għandu jkun allokat lil wieħed mill-gruppi ta' applikazzjoni li ġejjin:

— użu ġenerali (Gen),

— Servizzi ta' traffiku tal-bastimenti (VTS),

— għajnuniet- għan-navigazzjoni (A-to-N),

— tfittxija u salvataġġ (SAR).

▼C1

Tabella 2.6:

FI fil-fergħa tal-AIS Interna

FI	FIG	Isem tal-messaġ tal-funzjoni reġjonali	Mib-għut minn	Imxandar	Indirizzat	Deskrizzjoni
10	Gen	Dejta statika u dwar il-vjaġġ tal-vapuri interni	Vapur	X		Ara l-messaġġ F110 speċifiku intern: Dejta statika u dwar il-vjaġġ tal-vapuri interni
21	VTS	ETA fil- magħluq/ pont/terminal	Vapur		X	Ara l-messaġġ F121 speċifiku intern: l-ETA fil-magħluq/pont/terminal
22	VTS	L-RTA fil- magħluq/ pont/terminal	L-art		X	Ara l-messaġġ F122 speċifiku intern: l-RTA fil-magħluq/pont/terminal
23	VTS	Twissija tal-EMMA	L-art	X		Ara l-messaġġ F123 speċifiku intern: It-twissija tal-EMMA
24	VTS	Il-livell tal-ilma	L-art	X		Ara l-messaġġ 24 speċifiku intern: il-livel tal-ilma
40	A-sal-N	L-istatus tas-sinjal	L-art	X		Ara l-messaġġ 40 speċifiku intern: l-istatus tas-sinjal
55	SAR	L-għadd ta' persuni abbord intern	Il-vapur	X	X (preferibbilment)	Ara l-messaġġ FI 55 speċifiku intern: l-għadd ta' persuni abbord

Uħud mill-FI ġewwa l-fergħa interna għandhom ikunu riżervati għall-użu fill-futur.

2.4.4.2. Id-definizzjoni ta' messaġġi speċifiċi interni

Il-messaġġ speċifiku FI 10 interni: Dejta statika u dwar il-vjaġġ tal-vapuri interni

Dan il-messaġġ għandu jkun użat mill-bastimenti interni biss, biex ixandru dejta statika dwar il-vapur u dwar il-vjaġġ flimkien mal-messaġġ 5. Il-messaġġ għandu jkun mibgħut mal-messaġġ binarju 8 mill-iktar fis (mill-perspettiva tal-AIS) wara l-messaġġ 5.

Tabella 2.7

Rapport dwar id-dejta tal-bastimenti interni

Parametru	Numru ta' bits	Deskrizzjoni
ID tal-messaġġ	6	L-identifikatur għall-messaġġ 8; dejjem 8
Indikatur tar-ripetizzjoni	2	Użat mir-ripetitur biex jindika kemm-il darba kien ripetut messaġġ. Assenjat = 0; 3 = tirrepetix aktar
ID tas-Sors	30	In-numru MMSI

▼C1

	Parametru	Numru ta' bits	Deskrizzjoni
	Riżerva	2	Mhux użat, għandu jkun issettjat fuq 0. Riżervat għall-użu fil-futur.
Id-Dejta binarja	Identifikatur binarju	16	Kif deskritt fit-Tabella 2.6
	In-Numru Uniku ta' Identifikazzjoni Ewropew	48	karattri 8*6 Bit ASCII
▼M1	Tul / konvoj	13	1–8 000 (il-kumplament ma għandux jintuża) it-tul tal-vapur/konvoj f'1/10m 0 = default
	Wisa' / konvoj	10	1–1 000 (il-kumplament ma għandux jintuża) il-wisa' tal-vapur/konvoj f'1/10m; 0 = default
	Tip ta' Bastiment u Konvojs	14	Il-klassifikazzjoni Numerika tal-ERI (CODES): It-tip ta' bastiment jew konvoj kif deskritt fl-Appendiċi E
▼C1	Merkanzija perikoluża	3	L-għadd ta' koni blu/id-dwal 0-3; 4 = B-Flag, 5 = assenjata = mhux magħruf
▼M1	Il-pixka massima statika attwali	11	1 – 2 000 (il-kumplament mhux użat) il-pixka f'1/100m, 0 = default = mhux magħruf
▼C1	Mgħobbi/mhux mgħobbi	2	1 = mgħobbi, 2 = mhux mgħobbi, 0 = mhux disponibbli/assenjat, it-3 m'għandux ikun użat
